MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 217/2021 LM

**Dr Francesca Micallef (K.I. nru. 314296M) bħala mandatarju speċjali ta' Nicolas Chavrot (detentur tal-passaport Franċiż bin-numru 19HC23842)**
*('l-appellanta nomine')*

***vs.***

**Room Limited (C 69443)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti nomine **Dr Francesca Micallef (K.I. nru 314296M) bħala mandatarja speċjali ta' Nicolas Chavrot (detentur tal-Passaport Franċiż bin-numru 19HC23842)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta nomine'], mis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 2023 [hawnhekk 'is-sentenza appellata] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l

quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet it-talbiet tagħha kontra s-soċjetà intimata **Room Limited (C 69443)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], kif ġej:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent (kif debitament rappreżentat) u l-eċċezzjonijiet imressqa minnu għall-kontro-talba tal-kumpannija intimata, qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija intimata fir-risposta tagħha u t-talbiet rikonvenzjonali proposti fil-kontro-talba tagħha fl-ammont però ta' tlett elef sebgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€3,037.32) u għalhekk qed tikkundanna lir-rikorrent sabiex iħallas din is-somma lill-kumpannija intimata flimkien mal-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) dekorribbli millum. Spejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrent."*

## Fatti

2. Ir-rikorrent nomine istitwixxa dawn il-proċeduri, fejn talab li s-soċjetà intimata tiġi ordnata tħallas l-ammont ta' tmint elef mitejn u erbgħa u għoxrin Euro u sittin ċenteżmu (€8,224.60), rappreżentanti l-ammont li huwa ħallas lis-soċjetà intimata għal servizzi ta' *interior design* li qatt ma ġew ipprestati. Ir-rikorrent nomine qal li dan l-ammont għandu jiġi mħallas lura mis-soċjetà intimata bl-ispejjeż legali inkorsi minnu, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat minnu flimkien ma' dan l-avviż, bl-imgħaxijiet skont l-ogħla rata permissibbli mil-liġi.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li l-ammont pretiż mir-rikorrent nomine jikkonsisti fi ħlas kif kien miftiehem bejn il-partijiet mal-konferma tal-kuntratt ta' appalt, liema ħlas kellu jsir sabiex is-soċjetà intimata setgħet tagħmel ix-xogħol tagħha, ta' *interior design* fuq il-*yacht* bl-isem 'Voyager', proprjetà tar-rikorrenti nomine, u liema ħlas kien dovut lis-soċjetà intimata *ai termini* tal-

ftehim bejn il-partijiet. Is-soċjetà intimata eċċepit ukoll li mhuwiex minnu li s-servizzi ta' *interior design* qatt ma ġew pprestati minnha, tant hu hekk li r-rikorrent kien ġie ppreżentat bid-*designs* u bil-*quotations.* Is-soċjetà intimata qalet li hemm komunikazzjoni bejnha u r-rikorrent, kemm b'e-mails, *zoom calls* u laqgħat li saru fuq il-*yacht* stess, fejn ġew ikkwotati l-bidliet estetiċi proposti, u l-kwotazzjonijiet għax-xogħol li kellu jsir.

4. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li jeżistu ċ-ċirkostanzi kkontemplati fl-artikolu 396 *et seq* tal-Kap. 12, sabiex hija tippreżenta kontro-talba kontra r-rikorrent rikonvenzjonat. Qalet li hija tqabbdet mir-rikorrent sabiex tagħmel xogħol ta' *interior design* fuq *yacht* bl-isem 'Voyager', liema xogħol kellu jkun maqsum f'żewġ fażijiet, bl-ewwel fażi msejħa '*Spring*', u t-tieni fażi msejħa '*Autumn*'. Qalet li hija min-naħa tagħha ppreżentat lir-rikorrent elenku ta' fhiex jikkonsisti x-xogħol, kif ser ikun maqsum, u t-termini tal-ħlasijiet dovuti għax-xogħol, bl-ammont totali tal-ħlas dovut li jammonta għal ħamsa u tletin elf, mitejn u tnejn u tmenin Euro (€35,282), kif jirriżulta mid-*Design Quotation* esebita minnha. Is-soċjetà intimata spjegat li hija infurmat lir-rikorrent li hija kienet ser tidħol għall-proġett kollu, u li r-rikorrent ma setax jitlob li jsir xogħol fuq l-ewwel fażi biss. Qalet ukoll li r-rikorrent qabel mat-termini proposti, u ħallas id-depożitu fit-23 ta' Frar, 2021, liema depożitu kellu jkopri *part payment* għall-ewwel fażi, u *part payment* għat-tieni fażi. Kompliet tgħid li ftit jiem wara, hija pprovdiet lir-rikorrent il-*colour concept* li kellu japplika għaż-żewġ fażijiet, materjal u drappijiet magħżula, ideat għall-*branding,* kif ukoll il-*quotations* għas-*soft furnishings* fejn saret ukoll *zoom call* ma' Nicolas Chavrot li kkonferma kollox. Is-soċjetà intimata qalet li meta talbet lir-rikorrent iħallas id-depożitu fuq il-*quotations* tas-*soft furnishings,* jidher li dan kien diġà bidel fehmtu, għaliex

kien ra li l-*quotations* kienu għoljin, u ddeċieda li jġib il-materjal mit-Turkija, u għal dan il-għan talab lis-soċjetà intimata tgħaddilu d-dimensjonijiet li kienet ħadmet fuqhom, sabiex huwa jkun jista' jġib il-materjal meħtieġ minn barra. Is-soċjetà intimata spjegat li hija baqgħet għaddejja bix-xogħol tagħha, inkluż billi għamlet id-*designs* għas-sodod, daret għall-affarijiet tal-kċina, u ġabet *quotations* għall-approvazzjoni tar-rikorrent, speċjalment għaliex l-ewwel fażi kellha tkun lesta sal-10 ta' April, 2021. Qalet ukoll li minflok wieġeb dwar il-*quotations,* ir-rikorrent talabha tħallas lura l-flus li huwa kien ħallas bħala depożitu, meta kien ikkonferma u qabel mat-termini tal-pagament u mal-ftehim fuq ix-xogħol li kellu jsir. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li hija kienet diġà għamlet xogħol tal-ewwel fażi, u kull ma kien jonqos kien l-approvazzjoni tar-rikorrent għal affarijiet żgħar, tant hu hekk li hija kienet diġà għaddiet id-dettalji kollha lir-rikorrent sabiex dan seta' jlesti x-xogħol mingħajr l-għajnuna tagħha. Qalet li r-rikorrent ma kellux raġuni valida sabiex jittermina l-kuntratt, għaliex hija kienet qiegħda tagħmel ix-xogħol tagħha sew, bil-prudenza u bis-sengħa kemm fir-rigward tal-ewwel fażi u anki fir-rigward tat-tieni fażi. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li hija dovuta l-ammont ta' ħdax-il elf, seba' mija u disgħa u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€11,729.20), liema ammont jirrappreżenta l-ammont dovut għax-xogħol tal-ewwel fażi, kif ukoll id-depożitu fuq it-tieni fażi, minn liema ammont ir-rikorrent kien diġà ħalas l-ammont ta' tmint elef, mitejn u erbgħa u għoxrin Euro u sittin ċenteżmu (€8,224.60). Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk l-ammont dovut mir-rikorrent jammonta għal tliet elef, ħames mija u erba' Euro u sittin ċenteżmu (€3,504.60), liema ammont jirrappreżenta l-kumplament tal-pagamenti dovuti in konnessjoni mal-ewwel fażi. Għaldaqstant, is-soċjetà intimata talbet lill-Ewwel Qorti tiddikjara u

tiddeċiedi li r-rikorrent waqqaf ix-xogħol ta' appalt mingħajr raġuni valida; tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrent huwa debitur tagħha għax-xogħol li sar, u tordna lir-rikorrent iħallas tas-somma ta' €3,504.60, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

5. Ir-rikorrent wieġeb li t-talbiet rikonvenzjonali huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Spjega li s-soċjetà intimata hija żbaljata meta tgħid li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt. Jgħid li kienet is-soċjetà intimata li obbligat ruħha li tipprovdi servizzi ta' *interior design* u mhux ta' appalt, għaliex ma kien hemm l-ebda konsenja ta' materjal jew xogħol ieħor kif tipprovdi l-liġi. Jgħid ukoll li fil-kontro-talba tagħha s-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent *"seta' jlesti x-xogħol mingħajr l-għajnuna tas-soċjetà intimata."* Qal ukoll li s-soċjetà intimata kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha li tipprovdi s-servizz kif pattwit, u għalhekk l-ebda ammont m'huwa dovut minnu lis-soċjetà intimata, u dan peress li ma ġie pprestat l-ebda servizz. Ir-rikorrent jgħid ukoll li s-soċjetà intimata hija żbaljata meta tgħid li huwa ma kellux raġuni valida sabiex jittermina is-servizzi, u dan għaliex huwa kien marbut biż-żmien sa meta d-dgħajsa kellha tkun lesta mill-*interior design,* u in vista tal-fatt li s-soċjetà intimata kienet għadha lanqas biss ipproduċiet *design* wieħed wara xahrejn mill-ingaġġar, huwa ma kellu l-ebda għażla għajr li jittermina is-servizzi. Ir-rikorrent qal ukoll li s-soċjetà intimata għandha ġġib prova tad-*designs* li għamlet u pprovdietlu, u mhux tibbaża l-kontro-talba tagħha fuq fuljett li hija tipprovdi lill-klijenti kollha tagħha.

## Is-Sentenza Appellata

6. Permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet imressqa minnu għall-kontro-talba tas-soċjetà intimata, u tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà intimata, flimkien mat-talbiet rikonvenzjonali tagħha, u għalhekk ordnat lir-rikorrent iħallas is-somma ta' €3,037.32, flimkien mal-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tas-sentenza, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Provi***

*1. Permezz ta' affidavit ippreżentat fid-29 ta' Novembru, 2021 (fn. 7 fol. 39-77), ir-rikorrent* ***Nicolas Chavro*** *spjega illi aktar kmieni dik is-sena huwa kellu bżonn servizzi ta'* interior designer *għal* yacht *bl-isem ta' 'Voyage' sabiex jiddisinja mill-ġdid xi karatteristiċi tal-yacht u sabiex eventalment jimplimenta tali disinji bi prodotti lokali li jkunu fis-suq. Fis-6 ta' Frar, 2021 ikkomunika ma' Kristine Bonnici,* interior designer*, permezz ta' email (fn. 8 fol. 43 wara) sabiex jiddiskuti disinji speċifiċi li kellu f'moħħu. Huwa qal illi f'din l-email huwa kien ċar li ried li x-xogħlijiet ikunu lesti f'fażijiet differenti, bl-ewwel fażi tkun lesta qabel l-aħħar ta' Marzu 2021 sabiex f'April 2021 ikun jista' joħroġ bil-yacht. Fl-10 ta' Frar, 2021, Kristine Bonnici żaret il-yacht u bagħtitlu l-ewwel proposta fit-12 ta' Frar, 2021 li kienet tinkludi żewġ fatturi (fn. 9 fol. 45-49), waħda għall-fażi tar-Rebbiegħa 2021 u l-oħra tal-Ħarifa 2021. Dawn il-fatturi kienu għal ammont totali ta' €24,950 eskluż il-VAT.*

*2. Ir-rikorrent spjega illi huwa kien qal lil Kristine Bonnici illi fil-fażi tar-Rebbiegħa xtaq li jagħmel dekorazzjoni ta' malajr mill-ġdid tal-partijiet ta' ġewwa tal-yacht mentri x-xogħlijiet strutturali kellhom isiru fil-fażi tal-Ħarifa. Qal ukoll illi kien infurmaha illi peress illi ma tantx kien hemm żmien stabiex tiġi implimentata l-fażi tar-Rebbiegħa, id-disinji kollha ta' din il-fażi kellhom isiru malajr kemm jista' jkun sabiex il-prodotti u l-materjal meħtieġa jiġu ordnati u jaslu malajr. Skont ir-rikorrent, Bonnici ma xtaqitx li jibda x-xogħol qabel ma jikkommetti ruħhu li jordna x-xogħlijiet kemm tal-fażi tar-Rebbiegħa 2021 u kemm tal-Ħarifa 2021 u fil-fatt bagħtitlu email f'dan is-sens fil-15 ta' Frar, 2021. (fn. 10 fol. 51)*

*3. Eventwalment, skont ir-rikorrent, huwa rċieva email (fn. 11 fol. 53 – wara – fol. 54) mingħand Bonnici flimkien ma' abbozz ta' ftehim (fn. 12 fol. 55-57) bejnu u bejn kumpannija bl-isem ta' Room Limited (C 69443). Huwa fehem illi Kristine Bonnici kienet ser tipprovdilu servizz tramite din il-kumpannija li fiha hija kienet kemm id-direttur u kif ukoll azzjonista. Huwa qatt ma ffirma dan il-ftehim. Madanakollu fil-21 ta' Frar, 2021, kif mitlub, għamel l-ewwel pagament fis-somma ta' €8,224.60 lil Room Limited, liema ammont kien jirrappreżenta 40% tal-ammont miftiehem għall-fażi tar-Rebbiegħa (€1,980) u 20% tal-ammont miftiehem għall-fażi tal-Ħarifa (€4,990) flimkien mal-VAT (€1,254.60). Il-kumpannija intimata ħarġet l-irċevuta għall-ammont imħallas lilha. (fn. 13 fol. 58) Peress illi kien ħerqan ħafna sabiex Bonnici tibda taħdem fuq id-disinji in vista tal-ħin qasir li kellha sabiex twettaq ix-xogħol tal-ewwel fażi, huwa bagħatilha email fis-27 ta' Frar, 2021 b'talba sabiex tibgħatlu l-ewwel disinji. (fn. 14 fol. 59)*

*4. Skont ir-rikorrent huwa beda jiffaċċja problemi ma' Kristine Bonnici mill-bidu nett u dan għaliex l-istejjem li kienet bagħtitlu għall-ewwel fażi kienu għolja wisq. F'dan ir-rigward iġib eżempju partikolari ta' stima li kien irċieva għal tapizzerija ġdida tas-sufan, cushions, siġġijiet u banketta u għal bjankerija (linen) tal-kmamar tas-sodda li Bonnici kienet akkwistat mingħand Interior Outfitters. Din kienet għall-ammont ta' €27,695.73. (fn. 15 fol. 60-63). Skont ir-rikorrent huwa nħasad bil-kbir meta ra dawn l-ammonti kwotati lilu peress illi skont hu b'dawn il-prezzijiet seta' addirittura jixtri sufan, cushions, siġġijiet u banketta ġdida minflok ma jagħmel tapizzerija ġdida għal dawk li diġà kellu. Kien għalhekk illi huwa għamel kuntatt ma' Bonnici permezz ta' email (fn. 16 fol. 64 wara) sabiex jinfurmaha li ma kienx kuntent bil-prezzijiet. Fl-istess email huwa reġa' għamel enfasi fuq l-importanza illi l-ewwel fażi (tar-Rebbiegħa) titlesta sal-aħħar ta' Marzu. Skont ir-rikorrent il-problema li jirċievi stimi għoljin baqgħet tippersisti u sadanittant baqa' ma rċieva lanqas disinn wieħed mingħand Bonnici. F'dan is-sens huwa rrefera għal* email *mibgħuta minnu lilha fid-9 ta' Marzu, 2021 (fn. 17 fol. 67 wara) fejn fiha għamilha ċara illi ma kienx lest iħallas għal materjal għoli meta seta' jieħu prezzijiet aħjar mit-Turkija. Huwa qal illi baqgħu għaddejjin diversi* emails *bejniethom iżda ż-żmien beda jagħfas u baqa' ma rċieva xejn ħlief għal* sketch *imħażża bil-lapes tal-kamra tas-sodda tat-tfal (fn. 18 fol. 69 wara), xi stimi oħra illi kienu għoljin ħafna (fn. 19 fol. 70-72), u* brochure *b'xi ritratti tal-yacht, liema* brochure *huwa qatt ma kien talabha u ma kienx utli għalih. (fn. 20 fol. 73-75)*

*5. Peress illi ma kien qed jara l-ebda avvanz u l-kumpannija intimata ma kinitx qed tipprovdilu s-servizzi ta'* interior design *mitluba minnu, ir-rikorrent qal li ma kellu l-ebda alternattiva ħlief li jwaqqaf is-servizzi u jittermina l-kuntratt. Kien għalhekk illi permezz ta' email datata 29 ta' Marzu, 2021 huwa talab lil Bonnici sabiex bħala*

*rappreżentanta tal-intimata tirrifondilu lura l-ammont ta' €8,224.60 li kien ħallasha. (fn. 21 fol. 76) Madanakollu b'sorpriża għalih huwa ġie infurmat minn Bonnici permezz tal-*email *tagħha tat-12 ta' April, 2021 (fn. 22 fol. 77) illi mhux talli l-intimata ma kinitx ser ittih lura l-ammont imħallas, iżda talli kienet qed titolbu l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet tal-ewwel fażi (€2,970) flimkien ma' għaxra fil-mija (10%) tal-prezz tax-xogħlijiet tat-tieni fażi (€2,495) liema fażi anqas biss kienet inbdiet. Madanakollu skont ir-rikorrent huwa ma rċieva l-ebda servizz ta'* interior design *u fil-fatt il-yacht tiegħu għadha l-istess minkejja li ħallas is-somma ta' €8,224.60 lill-kumpannija intimata. Kien għalhekk illi huwa ddeċieda li jiftaħ il-kawża odjerna u dan sabiex jitlob rifużjoni ta' dan l-istess ammont.*

*6. In kontro-eżami fis-seduta tal-20 ta' Ġunju, 2022 (fn. 23 fol. 176 A – 176 F) ir-rikorrent apparti li rrepeta numru ta' affarijiet li kien diġà xehed fuqhom fl-affidavit tiegħu,* inter alia *qal ukoll illi għalkemm ma kienx speċifiku dwar ix-xogħlijiet eżatti li ried fir-rigward tal-ewwel fażi, huwa kien għamilha ċara li ried bidla fl-atmosfera ta' ġewwa tal-yacht u li kellu jkun hemm* redecoration. *Huwa tenna li wara kollox huwa ma kienx* designer *u ppretenda li tkun id-*designer *li qabbad li tagħmel il-bidliet neċessarji. Ikkonferma illi Bonnici kienet ipproponietlu xi tibdiliet fl-estetika u li kienet marret fuq il-yacht flimkien ma' xi* supplier. *Ikkonferma wkoll illi jiftakar illi kellu* video call *ma' Bonnici li matulha kienu ddiskutew xi kuluri flimkien ma'* colour mood board *u li darba kien anke ltaqa' magħha fuq il-yacht. Qal illi jaf illi kienet tieħu s-*suppliers *fuq il-yacht tiegħu sabiex tiddiskuti magħhom dwar it-tibdiliet proposti u li kienet bagħtitlu żewġ stimi ta' dawn is-*suppliers. *Mitlub jispeċifika liema xogħlijiet minn dawk proposti għall-ewwel fażi ma kinitx wettqet huwa qal illi rċieva biss proposta waħda li kienet għolja wisq apparti illi kien hemm dewmien ta' xi tliet ġimgħat u ma kienx ser ikun hemm ċans li jsiru x-xogħlijiet. Huwa qabel mas-suġġeriment magħmul lilu mill-avukat tal-kontroparti illi l-kumpannija intimata kienet ikkuntattjat lis-*suppliers, *irrakkomandat* colour schemes, *tipi differenti ta' drapp u materjal u ddiskutiet magħhom dak li kien hemm bżonn sabiex jinħarġu stimi. Huwa tenna illi r-raġuni prinċipali 'l għala ttermina l-kuntratt kien 'l għaliex induna li filwaqt li ma kien irċieva xejn mingħand Bonnici ħlief għal stimi, iż-żmien kien qed jagħfas ġmielu u x-xogħlijiet ma kinux ser isiru fiż-żmien previst. Huwa stqarr illi ma rċieva ebda proposta u idejat dwar kif il-yacht seta' jiġi ddekorat minn ġewwa u kif seta' jitbiddel l-ambjent ta' ġewwa skont ix-xewqat tiegħu. Minflok huwa rċieva stimi dwar id-drappijiet meta huwa ma kienx qiegħed speċifikament jara li jbiddel dawn l-affarijiet. Ikkonfema illi wara li ttermina s-servizzi, huwa eventwalment biddel ftit mid-drappijiet minħabba li kien antik. Madanakollu l-kumplament baqa' l-istess u huwa ma biddel xejn. Huwa nnega illi ttermina s-servizzi biss għaliex ra li l-istimi pprovduti lilu kienu għoljin iżda*

*tterminahom għaliex barra li kienu għoljin, ix-xogħlijiet ma kinux ser jitlestew fiż-żmien miftiehem.*

*7. Fit-2 ta' Mejju, 2022 ġie ppreżentat l-affidavit ta'* ***Kristine Bonnici*** *(fn. 24 fol. 84-171), direttur tal-kumpannija intimata. Hija qalet illi fis-6 ta' Frar, 2021 kienet irċeviet* email *mingħand is-Sur Chavrot li qal li jixtieq jara l-portafoll ta' xogħlijiet tagħha u li kien qed ifittex* interior designer *għall-yacht tiegħu. Ir-rikorrent spjegalha li ried li x-xogħol jinqasam f'żewġ fażijiet: fażi fejn isir ir-rinovar ħafif u fażi oħra fejn ir-rinovar ikun intensiv. L-ewwel fażi kellha titlesta sa qabel l-aħħar ta' Marzu 2021 filwaqt li t-tieni fażi kellha tkun lesta fix-xitwa bejn l-2021 u l-2022. Dakinhar stess li rċeviet l-*email *hija talbet għal laqgħa sabiex ikun jista' jiġi diskuss il-proġett u ġiet skedata* zoom call *għad-9 ta' Frar, 2021. Sussegwentement ir-rikorrent bagħat* email *b'*design brief. *Huwa talab sabiex il-fażi tar-Rebbiegħa tkun kemm jista' jkun ħafifa u dan billi l-kamra prinċipali tkun dekorata iżjed moderna:*

> "Mr Chavrot stated that for the spring phase, he wanted "little changes – change of the furniture and decor in the main room, in order to make it lighter and a little bit more modern, change of the carpet in the owners' room, change of all bed decor/sheets." Mr Chavrot requested "maximum materials with fire classes", which we clarified to mean the use of quality marine grade fabrics that can endure exposure to heat and moisture."

*8. Bonnici spjegat kif ir-rikorrent ried ukoll illi tinstablu soluzzjoni sabiex irattab l-injam billi jgħattih parzjalment u sabiex jagħmel* bunk beds *għat-tfal fil-kmamar tagħhom. Fl-10 ta' Frar, 2021 hija organizzat viżta fuq il-yacht biex tkun tista' tieħu r-ritratti u tiffamiljarizza ruħha mas-sit. Fit-12 ta' Frar, 2021, hija bagħtet* email *lir-rikorrent fejn indikatlu li kienet ser tibgħatlu l-*fee proposal *li kienet tirrappreżenta ż-żewġ fażijiet. Hija enfasizzat illi l-fażi tar-Rebbiegħa 2021 ma kinitx tinkludi pjanijiet u disinji iżda biss tibdiliet estetiċi. Mill-banda l-oħra l-fażi tal-Ħarifa kellha tkun aktar estensiva b'diversi xogħlijiet li kienu ġew maqbula li jsiru mir-rikorrent innifsu. Qalet ukoll illi rċeviet* email *mingħand ir-rikorrent u qalilha li xtaq li x-xogħol isir malajr u jekk hemm bżonn anke jinqabżu xi passi biex kollox jiġi implimentat fil-ħin.*

*9. Inoltre r-rikorrent ried li jgħaqqad il-pagamenti malli jintlaħqu ċerti miri u ppropona illi jkun hemm* prepayment *ta' 40%, pagament ieħor malli jintlaħaq qbil fuq il-kunċett u l-ħlas tal-bilanċ malli jitlestew ix-xogħlijiet. Madanakollu hija weġbitu li għalkemm kien hemm qbil illi l-fażijiet jinżammu separati, huma riedu l-*commitment *tiegħu illi jintrabat li jieħu wkoll ix-xogħlijiet tat-tieni fażi u għalhekk l-istruttura tal-pagamenti kienet imfassla b'mod illi jirrifletti tali* commitment *(i.e. billi jkun hemm ħlas ta' depożitu akkont tal-prezz tax-xogħlijiet tat-tieni fażi). Hija ukoll bagħtitlu* email *(fn. 25 fol. 104) bi tħassib dwar iż-żmien qasir li kien fadlilha sabiex teżegwixxi*

*s-servizzi u għalhekk talbet illi jkun hemm laqgħa urġenti fuq il-yacht mat-tim tal-kuntratturi tagħha sabiex tiżgura illi x-xogħol seta' jsir minnha fiż-żmien miftiehem qabel ma r-rikorrenti jidħol għall-ftehim.*

*10. Sussegwentement ir-rikorrent bagħat* email *sabiex jikkonferma t-termini u l-kundizzjonijiet u sabiex jintroduċi lill-crew tiegħu. Hija personalment marret tagħmel viżti fuq il-yacht flimkien ma' diversi kuntratturi oħra inkluż Alison Satariano, Joseph Abela minn Trends Limited u anke Mark Wright minn Prismatic Services Limited. Sussegwentement ix-xhud qalet li kkomunikat mar-rikorrent dwar il-fażi tar-Rebbiegħa u talbet għad-dettalji personali sabiex tkun tista' tibgħatlu l-kuntratt u l-ewwel fattura. Ir-rikorrent għamel ħlas* online *tal-ammont rikjest. Huwa indika biss nuqqas ta' qbil fuq il-klawżola partikolari tal-ftehim. Però meta imbagħad ġiet spjegata lilu l-portata ta' din il-klawżola, ir-rikorrent aċċetta l-ftehim.*

*11. Fit-22 ta' Frar, 2021 beda x-xogħol u dan fl-isfond taż-żmien qasir li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Ix-xhud qalet illi r-rikorrent ingħata aġġornament fuq dak li kienu qed jagħmlu bħala xogħlijiet inkluż il-kunċett tal-kuluri u l-materjal li kien hemm bżonn kemm għal ġewwa u kemm għal barra u kif ukoll ix-xogħol li kienu qed jagħmlu sabiex jiksbu stimi mingħand* suppliers *varji. Ġiet skedata wkoll* conference call *mar-rikorrent għat-3 ta' Marzu, 2021. Qabel il-laqgħa ġie spjegat bl-*email *lir-rikorrent ix-xogħol kollu li kien ser isir f'ċertu dettall (fn. 26 fol. 101-104) u kif kien ser jiġi żviluppat il-kunċett u ġew mgħoddija lilu l-*quotations *għall-*upholstery *u provvista ta'* fire-retardant marine grade fabric *kif ukoll* quotation *għall-provvista ta' purtieri għall-kabini:*

> "During the video call on the 3rd March, 2021, we explained to Mr Chavrot that our concept for the interior design of Voyager will take us from the spring renovation all the way through to the changes we were working on in the autumn. We had designed the interior with a timeless colour palette of taupe and white, with punches of black to add a touch of elegance and definition to the space, using soft textural linens that were fire retardant, UV resistant and waterproof. We redesigned the main salon, proposing the re-upholstery of the existing sofas in taupe with white rope piping and black scatter cushions, while the two armchairs would be entirely covered in black. We proposed reupholdering the dining chairs in a mixture of black and taupe and reconditioning the chairs to streamline their shape and give them a more contemporary look. We also designed the interior of the staterooms using predominantly White for the bedlinen, with accents of taupe and anthracite/black in the soft furnishings, and proposing soft oatmeal carpets. For the exterior of the vessel, we proposed the same taupe and white for the

upholstery, since these lighter colours were less heat absorbent and therefore kinder to bare skin, and using black to define the underside of the hull, again adding distinction to the yacht. We explained that this color scheme will really come into its own once we lightened the woodwork during the autumn renovation works. With our colour proposals, we hoped to completely transfom the interior, with white, cream, taupe, Black and some subtle antique gold accents in the accessories."

*Ix-xhud qalet li r-rikorrent aċċetta l-kunċett u l-*quotations *u allura għamlet kuntatt mal-kuntratturi biex jibgħatulha* request for payment *sabiex ir-rikorrent ikun jista' jħallas depożitu:*

*"*Mr Chavrot approved the concept and the quotations we had sent previously. He viewed the fabric at length and was happy with the colour concept, the aesthetic changes and the costs. He approved the logo design and also the hull colour of the vessel and thanked me for including this at this stage of the project since the boat was due to be drydocked. Mindful of the tight timeline, directly following this meeting, we sent an email to our suppliers to advise them that the client had accepted their quotations and to ask them to send their request for deposit and bank details so that the client can settle the amount required to confirm."

*12. Kien biss il-ġurnata ta' wara fl-4 ta' Marzu, 2021 li r-rikorrent ikkomunika n-nuqqas ta' qbil tiegħu għal* quotation *minħabba li skontu l-prezzijiet tad-drappijiet kienu għoljin wisq. Huwa ried ukoll illi s-*suppliers *jintrabtu li jroddulu lura l-ħlasijiet li jkun għamilhom, bħala penali, f'każ li ma jlestux fil-ħin. Ix-xhud qalet li hija weġbitu minnufih u spjegatlu li minkejja li seta', kif qal hu, jixtri kollox ġdid minflok ma jagħmel tapizzeriji ġodda, l-affarijiet li jixtri bi prezz irħas ma kinux ser ikunu* marine grade fabric:

"We replied immediately, explaining that although it might be less expensive to purchase new furniture rather than to upholster the existing pieces, these items would not be marine grade fabric, and explaining that in Malta, furniture suppliers would not carry three sofas in the same or matching fabric and that these would need to be ordered with a lead time of between 8 and 16 weeks. We offered two solutions – the first to design fabric throws to cover the existing furniture until this is replaced in the autumn or the second, to choose furniture from a high street shop such as Ikea in Sicily as a stop gap. We advised him that our contractors had assured us that they could deliver within this timeframe but that from our experience, suppliers would not accept any penalty or delay clause, particularly in such uncertain times."

*13. Ir-rikorrent wieġeb li ma kienx lest iħallas €50,000 fuq drappijiet però meta nġibditlu l-attenzjoni illi fil-fatt il-prezz kien dak ta' €27,695 (inkluż il-VAT) u dan ra li kien qara l-*quotation *b'mod ħażin, madanakollu xorta waħda ma kienx lest li jħallas daqstant għal materjal. Ix-xhud qalet li huma ppruvaw ibiddlu u jnaqqsu prodotti biex jonqos il-prezz tant li r-rikorrent talab għal bidla fil-kuluri minkejja li kien għadu mhux kuntent bil-prezz u għaldaqstant ma riedx iħallas il-pagament b'mod sħiħ mill-bidu, xi ħaġa li qatt ma ntalbet. F'dak l-istadju kien għad fadal biss tliet ġimgħat sakemm jiskadi t-terminu previst għall-finalizzazzzjoni tal-fażi tar-Rebbiegħa.*

*14. Fit-8 ta' Marzu r-rikorrent iddeċieda fuq il-kuluri u infurmaha li minħabba li kien hemm xi problemi tekniċi, il-yacht kienet ser tibqa' Malta sal-10 ta' April. Minkejja li kien hemm diffikultajiet biex ilaħħqu fil-perijodu qasir, madanakollu x-xhud qalet illi l-kuntratturi kienu lesti li jassorbu l-ispejjeż biex ilaħħqu jagħmlu kollox fil-ħin. Ir-rikorrent però xtaq ukoll skont ta' ħamsin fil-mija tal-prezz tagħhom u sa anke talabha l-measurements biex ikun jista' jġib quotations huwa stess mit-Turkija. Fit-12 ta' Marzu hija bagħtitlu bill of quantities f'dan ir-rigward. (Fn. 27 fol. 119-123). Fil-frattemp hija qalet illi marret fuq il-yacht u ltaqgħet mal-crew tar-rikorrent:*

> "During this time, we visited the yacht and met with Mr Chavrot's crew to discuss the uniforms for both formal and informal occasions on board. We were requiered to custom design a uniform for Nadia, the chef on board, because none of the items we had found locally or on line would fit properly. We discussed numerous items required on board. We sourced items in stock from various local suppliers and provided quotations for cutlery, crockery, glasses, kitchen equipment and a coffee machine, which were sent to the client for approval. We sourced and provided quotations for bed linen for the staterooms and also sent to the client for approval. We regularly advised the crew regarding where they could source items that they needed. We also designed the required alterations to the children's cabin, meeting with a marine carpenter on board in the presence of Mr Chavrot's crew on the 12th March. We also arranged with one of our carpet suppliers to take measurements of the carpets required on the vessel so that we could prepare the quotation accordingly. Mr Chavrot did not approve ANY of the quotations we sent him and we could not place any order on  his behalf."

*15. Fit-18 ta' Marzu ltaqgħet mar-rikorrent fuq il-yacht u dakinhar hija ppreżentatlu folder bil-quotations u spjegatlu illi kellha bżonn b'mod urġenti konferma mingħandu sabiex jagħmlu l-ordnijiet meħtieġa. Ir-rikorrent talab li jingħata żmien sabiex jara l-quotations u sadanittant staqsiha għal parir fuq il-finishes ta' ċertu partijiet tal-yacht:*

> "On the 18th March, I met Mr Chavrot for the first time on board Voyager. I presented a folder of quotations including the initial quotation for soft furnishings, the bill of quantities for the fabric requirements and the bedlinen, a quotation for the survey of the boat, quotations for all the items required on board including quotes for crockery, cutlery, glasses, etc, two quotations for coffee machines as well as hard copies of the colour concept and the drawing of the children's stateroom alterations. During the meeting, I explained that we needed urgent confirmation to place the orders, and he said that he would be reviewing the quotations and would revert. During the meeting, he asked for our recommendations for paintings for the interior as well as a solution to cover the tops of the cherrywood furniture. We proposed travertine or corian insert and he also requested an image to illustrate these concepts. Mr Chavrot also requested a revised quotation for the upholstery of some pieces of interior and exterior furniture as well as the costs of fabric throws to cover the existing sofas."

*16. Dawn intbagħtulu fl-24 ta' Marzu (fn. 28 fol. 124-137) meta hija reġgħet avżat lir-rikorrent li ż-żmien kien qed jagħfas. Reġgħet intbagħtitlu tfakkira oħra fis-26 ta' Marzu meta dakinhar spjegatlu illi kienet inkwetata ferm minħabba ż-żmien qasir li kien fadal. Fid-29 ta' Marzu imbagħad ġiet infurmata minn impjegata tar-rikorrent illi r-rikorrent kien iddeċieda li jġib il-materjal kollu in konnessjoni mal-ewwel fażi mit-Turkija. Għalhekk intbagħtet* email *lir-rikorrent sabiex itiha kopja tal-*boat survey *sabiex ikunu jistgħu jibdew jaħdmu fuq ix-xogħol tat-tieni fażi. (fn. 29 fol. 139) Dakinhar stess irċeviet* email *mir-rikorrent fejn dan esprima d-diżappunt tiegħu li ma kien sar xejn xogħol min-naħa tal-kumpannija intimata u għalhekk kien qed jitlob ir-rifużjoni tal-ħlasijiet li għamel. Ix-xhud sostniet li din kienet sorpriża għalihom u minkejja li bagħtulu diversi emendi u proposti, ir-rikorrent baqa' jirrifjuta tant li qalet li heddidhom li kien se jdaħħal is-servizz tas-sigurtà u l-avukat jekk ma jirrifondux il-prezz li kien ħallas:*

> "Later on that day we received an email from Mr Chavrot stating that he had not received any work from us and requesting a refund. We wrote back to Mr Chavrot, expressing our surprise at his request and outlining the work that had been done in the short spring phase of the project. We clarified that in spite of numerous iterations, he had declined all our proposals on the basis of price and decided to source the work and items in Turkey. We requested the payment of the balance of the fees due on the spring phase. We explained that we limit the number of projects we take on at any one time and we had reserved the necessary time for phase two of his project. We offered to still place the orders

locally upon his approval and also stated should he decide to go ahead with phase two of the project in Turkey, we would be in a position to continue the design of the interior and to oversee the project. (fn. 30 fol. 141). Mr Chavrot then sent an email stating that his security services and lawyer would be involved if we did not immediately honour his request for a refund, stating that "you will lose a lot more" if we do not accede to his request."

*17. Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2022 (fn. 31 fol. 213 – 219) l-istess* ***Kristine Bonnici*** *ikkonfermat* inter alia *illi hija kienet infurmat lir-rikorrent li ma kinitx daqstant propensa li tagħmel biss ix-xogħlijiet ta' natura minuri li kienu previsti li jsiru fl-ewwel fażi iżda kienet lesta li tagħmel hekk biss jekk ikun hemm qbil ukoll dwar it-tieni fażi. Kien għalhekk li x-xhud qalet li talbet* commitment *mingħand ir-rikorrent permezz ta' ħlas ta' depożitu anke tax-xogħlijiet tat-tieni fażi. Meta x-xhud kienet mistoqsija dwar liema xogħlijiet saru li jirrappreżentaw l-ammont li tħallas mir-rikorrent, hija qalet illi saru diversi komunikazzjonijiet mal-klijent u* suppliers *u dan fl-isfond taż-żmien qasir li din il-fażi kienet tinvolvi u fl-isfond ukoll tal-pandemija li kienet faqqgħet ġewwa d-dinja. Barra minn hekk ix-xhud qalet li fi żmien qasir hija rnexxielha ġġib numru ta'* quotations *filwaqt li sar xogħol biex ikun jista' jinġieb l-aħjar materjal. Sar ukoll pjan kif ix-xogħol estetiku seta' jsir fi żmien erba' ġimgħat.*

*18. Permezz tal-affidavit tagħha ppreżentat fl-20 ta' Ġunju, 2022 (fn. 32 fol. 179-208) xehdet* ***Alison Satariano*** interior designer *li tispeċjalizza fl-importazzjoni ta' materjal u manifattura ta'* soft furnishings*. Ix-xhud qalet li hija ilha taħdem snin twal ma' Kristine Bonnici u fil-proġetti tal-istess Bonnici. Spjega kif fi Frar 2021 ġiet ikkuntattjata minn Kristine Bonnici għal ordni ta' materjal tajjeb għall-baħar għal xogħlijiet fuq yacht ta' klijent. Hija marret fuq il-yacht fit-18 ta' Frar sabiex tiddiskuti l-proġett aħjar u dan għaliex il-proġett ried jitlesta sal-aħħar ta' Marzu. Sussegwentement wara l-laqgħa, ix-xhud qalet illi ltaqgħet ma' Kristine Bonnici diversi drabi kemm fl-istudio tagħha u anke f'Burmarrad fejn kienu ġew diskussi l-kuluri li kellhom jintużaw għall-yacht. F'waħda mil-laqgħat Bonnici saħansitra għażlet il-materjal kollu u l-kuluri għall-injam.*

*19. Ix-xhud sostniet illi hija ppreparat* quotation *(fn. 33 fol. 189-190) għax-xogħol bil-prezz għal kull xogħol u oġġett li kien ser jintuża sabiex isir il-proġett. Fit-3 ta' Marzu, 2021 irċeviet mingħand Bonnici li l-kwotazzjoni kienet ġiet approvata u ntalbet sabiex tippreżenta* request for payment *għad-depożitu u sabiex tibgħat id-dettalji bankarji. Hija infurmat lil Bonnici illi d-depożitu rikjest minnha kien dak ta' €13,847.87. Eventwalment però Bonnici reġgħet ikkomunikat magħha sabiex tinfurmaha li l-klijent bidel fehmtu u li kienet qed tesplora possibilitajiet oħrajn sabiex iżżomm il-*

*prezzijiet kemm jista' jkun baxxi. Hija reġgħet iltaqgħet ma' Kristine Bonnici biex jagħżlu kuluri ġodda u b'hekk reġgħet intbagħtet* quotation *oħra fit-12 ta' Marzu, 2021. (fn. 34 fol. 191 – 195) Wara numru ta' laqgħat oħra imbagħad intbagħtu* quotations *oħra. (fn. 35 fol. 196-207). Hija baqgħet ma rċeviet il-ħlas tal-ebda depożitu.*

*20. In kontroeżami fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2022 (fn. 36 fol. 220-222) l-istess* ***<u>Alison Satariano</u>*** *qalet illi Kristine Bonnici kienet marret l-istudio tagħha xi erba' jew ħames drabiet. Sostniet illi l-materjal mixtieq kellu jkun tajjeb għal barra minħabba li kien ħa jintuża fuq dgħajsa. Il-materjal ikkwotat minnha kien l-iktar wieħed bi prezz raġonevoli u minkejja li tista' ssib irħas madanakollu tista' ssib ferm iktar għoli. Dak li ntgħażel minnha kien bi prezz medju. Hija spjegat illi l-policy tagħha hija li jibdew minn prezz baxx u jibqgħu telgħin 'il fuq. Mistoqsija jekk kienx ir-rikorrent li qalilhom jibqgħu telgħin fil-prezzijiet, ix-xhud qalet illi kienet Kristine iżda dan minħabba li kien hemm diskrepanza fl-ispeċifikazzjonijiet għaliex il-materjal ma kienx sempliċiment għal dgħajsa iżda għal barra tad-dgħajsa. Ix-xhud qalet ukoll li l-*quotation *għal lożor u quilts maħruġa fit-12 ta' Marzu, 2021, kienet waħda bi prezzijiet mill-iktar baxxi u li l-prezz kien wieħed raġonevoli għar-rakkmu li dawn ikollhom. Ix-xhud qalet illi kienet fehmet li kien hemm konferma verbali mir-rikorrent tal-*quotation *iżda mbagħad irċeviet telefonata, madwar ġimgħa wara, fejn qalulha sabiex twaqqaf ix-xogħol. Ix-xhud saħqet illi l-ordni ma kinitx għadha saret u li uħud mis-servizzi inkluż per eżempju tal-kejl jingħata b'xejn lill-klijent.*

*21. Permezz tal-affidavit tiegħu ppreżentat fl-20 ta' Ġunju, 2022 (fn. 37 fol. 209) xehed ukoll* ***<u>Joseph Abela</u>*** *direttur ta' Trends Manufacturing Limited liema kumpannija tispeċjalizza fuq xogħol fuq l-injam, settur li kien ilu jaħdem fih erbgħin sena u ħadem ukoll diversi drabi fuq proġetti ma' Kristine Bonnici. Ix-xhud ikkonferma illi l-istess Kristine Bonnici kkomunikat miegħu dwar ix-xogħol li kellu jsir fuq il-yacht. Qal illi x-xogħol kellu jsir bejn Settembru u Ottubru 2021 u li kellu jmur fuq il-yacht sabiex jieħu l-kejl meħtieġ. Spjega li fit-18 ta' Frar iltaqa' ma' Kristine Bonnici flimkien ma' kollegi tiegħu fuq il-yacht biex jarawh u jesploraw kull parti tal-yacht ħalli jkun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ. Ikkonferma li sar ħafna xogħol u saħansitra kienu diskussi wkoll diversi ideat sabiex ikun jista' jiġi ppjanat ix-xogħol li kellu jsir fit-tielet kwart tas-sena. In kontroeżami fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2022 (fol. 38 fol. 223-224) ix-xhud ikkonferma li kien żar id-dgħajsa darbtejn jew tlieta iżda ma kinux tkellmu fuq budget. Tkellmu iżda fuq ix-xogħol li kellu jsir.*

***<u>Kunsiderazzjoni</u>***

*22. Jibda biex jingħad li kuntrarjament għal dak sottomess mir-rikorrent fir-risposta tiegħu għall-kontro-talba tal-kumpannija intimata, huwa ċar li l-ftehim bejn il-*

*partijiet kien wieħed ta' appalt ċioe ftehim ta' meta appaltatur jiġi mqabbad minn appaltant (jew kommittent) sabiex jagħtih xi xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħtih ukoll il-materjal. (fn. 39 art. 1633 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) L-eċċezzjoni tar-rikorrent illi dan kien ftehim ta' servizzi ta'* interior design *u mhux appalt stante* "illi ma kien hemm l-ebda konsenja ta' materjal jew xogħol ieħor kif tipprovdi l-liġi" *ftit li xejn tagħmel sens mill-aspett ġuridiku. Il-ftehim ta' servizzi ta'* interior design *huwa minnu nnifsu ftehim klassiku ta' appalt u jekk xejn kien ikun fil-każ tal-konsenja tal-materjal li setgħet potenzjalment tqum ambigwità dwar jekk il-ftehim kienx wieħed ta' appalt, jew inkella per eżempju kienx wieħed ta' bejgħ. (fn. 40 Ara per eżempju s-sentenza fl-ismijiet* **Denis Farrugia et v. Joseph Dimech pro et noe** *(App. Ċiv. 111/2002/1 PS, 25/02/2004) fejn ingħad illi, "*Meta appaltatur jintraprendi opra li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma jfornixxi anki l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgħ." (*Ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet* **Angela Cassar v. J&C Farrugia** *et (PA, Ċit. 941/1997/1NC, 04/06/2004) fejn ingħad illi: "*Għalkemm hemm diversi teoriji fid-dottrina, tidher però prevalenti u aktar konvinċenti t-teorija li sabiex jiġi determinat jekk kuntratt kienx wieħed ta' bejgħ jew appalt wieħed għandu jħarres lejn l-intenzjoni tal-kontraenti u jekk dawn ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni di fare, allura l-kuntratt huwa ta' locatio operis, mentri jekk ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazione di dare, il-kuntratt huwa ta' bejgħ. Iżżid din il-Qorti li huwa l-aktar konvinċenti għaliex wara kollox hija l-intenzjoni tal-partijiet li tagħmel il-ftehim ta' bejniethom dak li fil-fatt hu.)"

*23. Huwa ukoll ċar illi minkejja li l-*Interior Design Agreement *esebit a fol. 55-57 ma ġiex iffirmat mill-partijiet madanakollu l-istess partijiet indubbjament aċċettaw it-termini u kundizzjonijiet tiegħu, xi ħaġa li toħroġ mill-korrispondenza elettronika li għaddiet bejniethom fejn saħansitra ġiet diskussa klawsola partikolari tal-istess kuntratt.*

*24. Mhuwiex ikkuntestat illi permezz tal-*email *tiegħu tad-29 ta' Marzu, 2021 (fn. 41 fol. 76) ir-rikorrent ittermina b'mod unilaterali l-appalt mogħti lill-kumpannija intimata. Dan id-dritt ta' terminazzjoni huwa eċċezzjoni għall-prinċipju legali li kuntratt għandu s-saħħa tal-liġi bejn il-partijiet u ma jistax jiġi xjolt mingħajr il-kunsens tagħhom kollha. L-Art. 1640 tal-Kap. 16 jiddisponi kif ġej:*

> "**1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.**
>
> **(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.**

> **(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.**
>
> **(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.**
>
> **(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti."**

*25. Il-kompitu tal-Qorti huwa allura dak illi tiddetermina fid-dawl tal-provi mressqa quddiemha jekk ir-rikorrent bħala l-appaltant kellux raġuni tajba li jittermina l-kuntratt, f'liema każ huwa għandu jħallas biss lill-kumpannija intimata, bħala appaltatur, l-ispejjeż li inkorriet u l-valur tax-xogħol li wettqet (wara li jiġi kkunsidrat l-utilità tagħhom u d-danni li jkun sofra), jew jekk ma kellux din raġuni tajba għall-ħall, f'liema każ huwa jkun tenut iħallas lill-intimata mhux biss għall-ispejjeż u xogħol li wettqet, imma anke kumpens stabbilit mill-Qorti li ma jeċċedix il-qligħ li setgħet tagħmel b'dak l-appalt. Fiż-żewġ każijiet in linea ma' dak li jipprovdi l-Art. 1640(4) fuq imsemmi, kull somma diġà mħallsa qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt tiġi applikata għal dak li jista' jkun dovut għal naħa jew għal oħra.*

*26. Għalkemm il-leġislatur ma jagħtix definizzjoni tar-raġuni valida li hija meħtieġa sabiex appaltant jittermina l-appalt mogħti minnu, il-ġurisprudenza żviluppat dan il-kunċett b'mod eżawrenti:*

> "Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur.

Illi bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma, joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa, jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas tat-twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qiegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent ..." *(fn. 42* ***__Wayne Chetcuti et v. Raymond Borg__*** *(PA. Ċit. Nru. 2264/1998/1 JRM, 29/09/2011). Ara ukoll* ***__Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire__*** *(PA., Ċit. Nru. 2840/1996/1 AE, 03/10/2013) li ġiet ikkonfermata fl-appell fid-29/03/2019) u* ***__Terrence Mirabelli v. James Schembri__*** *(PA, Ċit. Nru. 1428/1991/1 PS, 31/01/2003).*

*"*illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li fejn l-appaltatur ma jwettaq jew ma jikkonsenja xejn mix-xogħol lilu ordnat, dan ifisser inadempiment tal-kuntratt mogħti. F'każ bħal dan, jekk kemm-il darba l-kommittent iseħħlu juri li l-appaltatur naqas milli jwettaq l-appalt mogħti lilu, huwa jista' jtemm l-appalt bla ma jaqa' fis-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili ..." (*fn. 43* ***__Albert Sacco v. John Camilleri__*** *(PA, Ċit. Nru. 3787/1990/1 PS, 31/01/2003)."*

*27. Skont ir-rikorrent, is-servizzi t'*interior design *"*qatt ma ġew ipprestati mill-intimata"*. Mill-ftehim u dokumenti anċillari esebiti jirriżulta illi x-xogħol li kellha tippresta l-kumpannija intimata fl-ewwel fażi tal-proġett (hekk imsejjaħ "Spring Phase") kien dak ta':*

**i. Concept Development:** Recommendation of aesthetic changes to the existing interior to lighten the mood and feel of the space

**ii. Implementation:**

a. Drawing up of the bill of quantities for the work required to finish the Project

b. Sourcing materials, suppliers and tradespersons to ensure that the work is being carried out in accordance with the design brief. We will manage the project so that all the elements listed in the concept are installed within the required timeframe.

*28. Mill-provi, partikolarment mill-korrispondenza esebita mill-partijiet, jirriżulta illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, fil-ftit żmien li kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-kumpannija intimata ħadmet qatigħ u għamlet diversi rakkomandazzjonijiet lir-rikorrent fir-rigward tal-*concept development *apparti li ppreparat ukoll il-*bill of quantities. *Minkejja li Kristine Bonnici rnexxielha tindividwa r-riżorsi umani u l-materjal meħtieġ sabiex jiġu implimentati x-xogħlijiet tal-ewwel fażi, ir-rikorrent deherlu illi l-prezzijiet offruti lilu kienu għoljin wisq. Anke f'dan l-istadju però Bonnici għamlet li setgħet sabiex taġevola lir-rikorrent u offrietlu numru ta' soluzzjonijiet. Jidher però illi r-rikorrent xorta ma kienx kuntent u xtaq prezzijiet irħas. Finalment wara li fid-29 ta' Marzu, 2021, Bonnici semgħet mingħand l-impjegata tar-rikorrent*

*illi dan kien iddeċieda li jimporta l-materjal mit-Turkija, dan bagħatilha illi ser jittermina l-appalt magħti lilha.*

*29. F'dak l-istadju l-intimata għalhekk mhux biss ma tħallietx timplimenta x-xogħlijiet proposti minnha bil-materjal suġġerit biex tingħalaq l-ewwel fażi tal-proġett, iżda inoltre ma tħallietx tagħti s-servizz tagħha għat-tieni fażi. Ir-rikorrent jinsisti illi huwa kien ġustifikat illi jagħmel hekk billi mhux biss ma ngħata xejn, iżda anke għaliex il-prezzijiet li ġew offruti lilu kienu għoljin wisq u l-intimata ma kinitx ser tkun kapaċi tlesti x-xogħlijiet fiż-żmien previst. Il-Qorti tqis illi apparti li kif ġa ngħad mhuwiex il-każ illi l-intimata ma forniet l-ebda servizz ta'* interior design *lir-rikorrent, huwa inkongruwu kif ir-rikorrent ippretenda illi fiż-żmien qasir li kien hemm biex jiġu implimentati x-xogħlijiet irrifjuta għal darba, tnejn, tlieta, il-*quotations *mgħoddija lilu, jieħu ż-żmien tiegħu sabiex finalment jirrifjutahom u jiddeċiedi li jġib il-materjal mit-Turkija u fl-istess nifs jistenna li l-intimata tkun tista' timplimenta x-xogħlijiet proposti (bil-materjal impurtat minnu stess) fiż-żmien miftiehem.*

*30. Il-provi juru li minkejja l-pretensjonijiet sinjifikanti li ffaċċjat (inkluż il-pandemija li kienet qed tibda therri l-ekonomiji u l-industriji tal-pajjiżi kollha tad-dinja inkluż Malta) Kristine Bonnici kienet spedjenti f'xogħolha, kif rikjest fil-ftehim ta' bejn il-partijiet u għal diversi drabi uriet il-preokkupazzjoni tagħha mar-rikorrent għall-fatt illi kien qiegħed idum sabiex jaċċetta l-*quotations *mibgħuta lilu.*

*31. Fuq kollox, ir-rikorrent ma seħħlux jipprova illi l-prezzijiet fil-*quotations *mibgħuta lilu kienu tant għoljin u esaġerati illi kienu jirriflettu ċertu nuqqas ta'* buona fede *u diliġenza mill-intimata illi tagħmel ix-xogħol tagħha kif suppost u fl-interess ta' min għaddielha x-xogħol.*

*32. Il-Qorti għalhekk ma tqisx illi r-rikorrent kellu raġuni valida sabiex jittermina l-appalt u dan ifisser illi huwa issa suġġett għal dak li jiddisponi l-Art. 1640(2) tal-Kap. 16.*

***Likwidazzjoni tal-ammonti dovuti***

*33. Il-ftehim bejn il-partijiet kien jipprospetta l-ħlasijiet segwenti (bil-VAT inkluż):*

*i.* ***SPRING PHASE*** *(Prezz totali tas-servizzi: €5,841)*
- *a. 40% (€2,336.40) mal-iffirmar tal-kuntratt*
- *b. 50% (€2,920.50) mat-tlestija tal-kunċett*
- *ċ. Il-bilanċ (€584.10) mat-tlestija ta' din l-ewwel fażi*

*ii.* ***AUTUMN PHASE*** *(Prezz totali tas-servizzi: €29,441)*
- *a. 20% (€5,888.20) mal-iffirmar tal-kuntratt*
- *b. 10% (€2,944.10) mat-tlestija tal-Ispring Phase*

*ċ. 20% (€5,888.20) mat-tlestija tal-kunċett*

*d. 40% (€11,776.40) bħala* interim payment *matul ix-xogħlijiet*

*e. 10% (€2,944.10) mat-tlestija ta' din it-tieni fażi*

*34. Mal-iffirmar tal-kuntratt ir-rikorrent ħallas l-ammont ta' €8,224.60 (rappreżentanti 40% tal-valur tax-xogħlijiet tal-ewwel fażi u 20% tal-valur tax-xogħlijiet tat-tieni fażi).*

*35. L-intimata tippretendi fil-kontro-talba tagħha illi apparti li żżomm dan l-ammont imħallas lilha, hija titħallas ukoll is-somma ta' €3,504.60 li tirrappreżenta 50% tal-valur tax-xogħlijiet tal-ewwel fażi (€2,920.50) li kienu dovuti sat-tlestija tal-kunċett u l-bilanċ tal-istess xogħlijiet tal-ewwel fażi (€584.10).*

*36. Il-Qorti tqis illi* ***fir-rigward tal-valur tax-xogħol*** *kemm il-kuntratt bejn il-partijiet (fn. 44 ara klawsola 14 tal-ftehim) u kemm il-liġi fl-Art. 1640(2) tal-Kap. 16 ma jikkontemplawx li l-appaltatur jitħallas għal iżjed minn dak li jkun wettaq.*

*L-Ewwel Fażi*

*37. Għalhekk filwaqt li l-ammont ta' €2,920.50 huwa dovut stante illi l-intimata lestiet il-*concept design*, darba jirriżulta illi ma tħallietx teżegwixxi l-implimentazzjoni tal-ewwel fażi, l-ammont ta' €584.10 (ossia l-ħlas tal-bilanċ: mat-tlestija tax-xogħlijiet tal-ewwel fażi) mhuwiex dovut lilha.*

*38. Madanakollu peress illi r-rikorrent ma kellux raġuni valida li jittermina l-appalt, il-Qorti trid tistabbilixxi l-****kumpens*** *dovut lill-intimata tenut kont l-ispejjeż li tkun inkorriet, liema kumpens m'għandux jeċċedi l-qliegħ li setgħet tagħmel l-intimata li kieku tħalliet teżegwixxi l-appalt tal-ewwel fażi. Il-Qorti tista' tagħmel dan l-eżerċizzju, nonostante illi fil-kontro-talba tagħha l-intimata ma għamlitx talba speċifika għall-ħlas ta' dan il-kumpens u dan abbażi ta' dak li jiddisponi l-Art. 213 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' proċeduri quddiem din il-Qorti, diment illi l-Qorti ma tagħtix ammont akbar minn dak mitlub fit-talba. (fn. 45* 213. Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, kil-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors: Iżda l-qorti tista', meta mitluba jew jidhrilha meħtieġ li jsir hekk, tagħti żmien qasir biex il-konvenut ikun jista' jlesti d-difiża tiegħu biex jopponi dak il-jedd l-ieħor: iżda l-qorti ma tista' f'ebda każ tagħti ammont akbar minn dak mitlub bit-talba oriġinali.")

*39. Skont il-ġurisprudenza:*

"Ta' min jgħid li l-liġi tuża l-kelma "qligħ" u mhux "dħul". Konsiderazzjoni oħra hija li s-somma meqjusa ma tistax taqbeż il-qligħ li sata' sar: fi kliem ieħor, dik is-somma mhux bilfors li tkun daqs dak il-qligħ. Dan iseħħ għaliex f'kull każ jista' jkun hemm ċirkostanzi partikolari li jwasslu għal tnaqqis tas-somma. Dan juri wkoll li, fil-qies tas-somma taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi, jidħol element qawwi ta' diskrezzjoni f'idejn il-Qorti." *(fn. 46* ***Alcasons & Company Ltd noe v. Tigne Development Company Ltd noe*** *(PA, Ċit. Nru. 1425/1999/1 JRM, 28/07/2004).*

*40. Il-Qorti tqis illi fin-nuqqas ta' provi dwar l-ispejjeż li inkorriet l-intimata għax-xogħlijiet li wettqet għall-ewwel fażi tal-proġett u dwar il-qligħ li setgħet għamlet li kieku tħalliet teżegwixxi l-bqija tas-servizzi rigward l-ewwel fażi, hija għandha* arbitrio boni viri *tapplika* net profit margin *ta' 20% fuq il-bilanċ ta' €584.10 li huwa wieħed pjuttost modest fl-industrija in kwistjoni. Għalhekk apparti l-ammont ta' €2,920.50 dovut bħala bilanċ tal-prezz tax-xogħol imwettaq mill-intimata għall-ewwel fażi, l-ammont ta' €116.82 bħala kumpens huwa dovut lilha ai termini tal-Art. 1640(2) tal-Kap. 16. Dan ifisser li l-ammont kollu li kellu jitħallas għall-ewwel fażi huwa dak ta'* ***€5,373.72*** *(bil-VAT inkluż).*

*It-tieni fażi*

*41. Bl-istess raġunament, la darba l-intimata ma wettqet l-ebda servizzi previsti għat-tieni fażi (għaliex ma tħallietx tagħmel hekk), l-ammont ta' 20% tal-valur ta' din it-tieni fażi (€5,888.20), imħallas bħala depożitu mal-iffirmar tal-kuntratt, mhuwiex dovut lill-istess intimata. Madanakollu bl-applikazzjoni ta'* net profit margin *ta' 20% fuq il-valur kollu tas-servizzi tat-tieni fażi (i.e. 20% ta' €29,441) il-Qorti tqis illi l-ammont ta'* ***€5,888.20*** *xorta waħda huwa dovut lill-intimata bħala kumpens għall-qliegħ li setgħet għamlet fit-tieni fażi tal-proġett.*

*Applikazzjoni tas-somma mħallsa għal dak dovut*

*42. Tenut kont dak li kkunsidrat il-Qorti, l-ammonti dovuti huma kif ġej:*

*i.* ***SPRING PHASE:***
*a. €5,256.90 valur tas-servizzi mogħtija*
*b. €116.82 kumpens għall-qliegħ li setgħet tagħmel li kieku tħalliet tagħti l-bqija tas-servizzi tal-ewwel fażi*

*ii.* ***AUTUMN PHASE***
*a. €5,888.20 kumpens għall-qliegħ li setgħet tagħmel li kieku tħalliet tagħti s-servizzi għat-tieni fażi*

*43. Kif ġa ngħad ir-rikorrent diġà ħallas l-ammont ta' €8,224.60 lill-intimata. Jonqos għalhekk il-bilanċ ta' €11,261.92 - €8,224.60 = €**<u>3,037.32.</u>**"*

## <u>L-Appell</u>

7. Ir-rikorrent nomine ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu mis-sentenza appellata fil-15 ta' Jannar, 2024, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Diċembru, 2023, u tilqa' l-appell u l-aggravji mressqa minnu.

8. L-appellant nomine spjega li huwa ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, li mhux biss ċaħdet it-talba tiegħu għall-ħlas tas-somma ta' €8,224.60, imma ordnatlu li jħallas l-ammont ta' €3,037.32 lis-soċjetà appellata. L-appellant sostna li fil-każ odjern kien hemm applikazzjoni żbaljata tal-liġi, u apprezzament ħażin tal-provi.

9. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-qofol tas-sentenza appellata jidher li huwa marbut ma' jekk l-*Interior Design Agreement* bejn il-partijiet, jikkostitwixxix appalt skont il-liġi jew le. Qal li l-Ewwel Qorti ħolqot distinzjoni bejn il-kuntratt ta' bejgħ u l-kuntratt ta' appalt, fejn qieset li kuntratt ta' servizz ta' *interior design* huwa kuntratt ta' appalt. Qal li l-Ewwel Qorti hija żbaljata għaliex skont l-artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili, l-appalt huwa għal meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol u mhux għal prestazzjoni ta' servizzi. Qal ukoll li sabiex wieħed jassigura x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet, wieħed irid iħares lejn il-kuntratt, minn fejn jirriżulta li l-intenzjoni tas-soċjetà appellata kienet li tippresta servizzi ta' *interior design.* L-appellant qal li l-Ewwel Qorti naqset ukoll li tikkunsidra li s-soċjetà appellata, permezz tal-klawsola 14 tal-kuntratt, tat il-fakoltà lill-appellant jittermina l-ftehim ladarba t-terminazzjoni

ssir bil-miktub, u din il-klawsola tgħid ukoll li s-soċjetà appellata għandha titħallas għas-servizzi li tkun ipprestat sa dakinhar, u mhux aktar. Qal li minkejja dan kollu, l-Ewwel Qorti xorta waħda applikat ir-regoli tal-appalt, u ordnat lill-appellant iħallas l-lis-soċjetà appellata l-ammont ta' tliet elef, sebgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€3,037.32) bħala kumpens. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti hija kompletament żbaljata meta mingħajr ma saret talba mis-soċjetà appellata għal hekk, ordnatilha tħallas kumpens fl-ammont ta' ħames mija u erbgħa u tmenin Euro u għaxar ċenteżmi (€584.10), oltre t-talba tas-soċjetà appellata fil-kontro-talba tagħha. L-appellant spjega li l-partijiet kienu ftiehmu fuq l-ammont li huwa kellu jħallas lill-appellata ladarba hija tippresta s-servizzi miftiehma, u qal li għalhekk is-sentenza appellata hija żbaljata, inġusta u oppressiva. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti skartat kompletament il-prinċipju *pacta sunt servanda,* meta skartat il-klawsola numru 14 tal-kuntratt, u l-ammonti li l-appellant kellu jħallas lis-soċjetà appellata ladarba tkun ipprestat s-servizzi kollha kif miftiehem.

10. L-appellant qal li mill-provi mressqa għandu jirriżulta li huwa kien kostrett biż-żmien, kif spjegat anki fl-*affidavit* tiegħu stess, u huwa kien għamilha ċara ma' Kristine Bonnici li l-ewwel fażi kellha tkun lesta sal-aħħar ta' Marzu, 2021, u din id-data ġiet imbagħad estiża minnu sal-10 ta' April, 2021. Qal li huwa ttermina l-kuntratt permezz tal-*email* tad-29 ta' Marzu, 2021, u dan in linea ma' dak li tipprovdi l-klawsola 14 tal-kuntratt. L-appellant qal li huwa kien iddiżappuntat bil-kwalità tas-servizz ipprestat lilu mis-soċjetà appellata, u huwa kien wera nuqqas ta' qbil mal-prezz ikkwotat, li huwa deherlu li kien għoli. Qal li minkejja li huwa esprima dan id-diżappunt, is-soċjetà appellata xorta waħda naqset li tipprovdi *quotations* ulterjuri bi prezz raġonevoli kif kien mitlub minnu.

Qal li dan kollu ġie kkonfermat minn Kristine Bonnici nnifisha fix-xhieda tagħha tas-17 ta' Ottubru, 2022. Qal li huwa ferm inġust u oppressiv li s-soċjetà appellata, għal ftit sigħat ta' servizz li wettqet sabiex kisbet tliet *quotations,* tirċievi l-ammont ta' ħdax-il elf, mitejn u wieħed u sittin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€11,261.92), speċjalment meta l-*yacht* tiegħu għadu l-istess kif kien qabel ġiet ingaġġata s-soċjetà appellata. Qal li huwa għalhekk li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta talbitu jħallas ammonti ulterjuri għal servizz li qatt ma ngħata. Qal li mat-terminazzjoni tal-kuntratt, is-soċjetà appellata kienet intitolata biss għall-ħlas tas-servizzi pprestati sa dak il-mument, u għandu jirriżulta li l-uniċi servizzi pprestati kienu jammontaw għal madwar tliet laqgħat fuq il-*yacht,* xi abbozzi preliminari, u *quotations* li ma ġewx riveduti minkejja li huwa ma kienx kuntent bil-prezz ikkwotat. Qal li huwa għalhekk li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li ordnatlu jħallas l-ammont ta' tliet elef, u sebgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€3,037.32) addizzjonali, minkejja li s-servizz tas-soċjetà appellata kien wieħed limitat u diżappuntanti għall-aħħar.

11. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra li hija ma kellhiex il-kompetenza *rationae valoris* taħt l-artikolu 47 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tikkundanna lill-appellant jħallas is-somma ta' tliet elef, ħames mija u erba' Euro u sittin ċenteżmu (€3,504.60), u dan għaliex tali talba taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ladarba t-talba ma kienitx teċċedi l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000). Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kienitx kompetenti tisma' l-kontro-talba u għalhekk il-parti tas-sentenza fejn huwa ġie kkundannat iħallas l-ammont ta' €3,037.32, hija nulla u bla effett, għaliex l-Ewwel Qorti eċċediet il-kompetenza tagħha.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, għaliex skont hu applikat il-liġi b'mod żbaljat billi (i) ikkategorizzat il-kuntratt bħala wieħed ta' appalt; (ii) ma kkunsidratx illi skont il-klawsola 14 tal-kuntratt, is-soċjetà appellata kellha titħallas tas-servizzi ipprestati sad-data tat-terminazzjoni u mhux aktar; u (iii) l-Ewwel Qorti ma kellhiex kompetenza *rationae valoris* fir-rigward tal-kontro-talba. L-appellant jgħid ukoll li huwa kien ġustifikat jittermina s-servizz għaliex is-servizz ma ngħatax, kien kostrett biż-żmien, il-*quoations* kienu għoljin wisq, u s-soċjetà appellata naqset milli tipprovdi *quotations* ulterjuri bi prezz raġonevoli.

13. Is-soċjetà appellata qalet li hija taqbel kompletament mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti li l-ftehim ta' servizzi ta' *interior design,* huwa minnu nnifsu ftehim klassiku ta' appalt. Qalet li ftehim ta' *interior deisgn* jikkostitwixxi ftehim ta' xogħol skont l-artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili, u bi ftehim ta' xogħol ikkontemplat fl-imsemmi artikolu, mhux neċessarju li jkun hemm ukoll konsenja ta' materjal. Qalet li mhux minnu li l-artikolu 1633 jipprovdi għal xi tip ta' kuntratt ta' xogħol li mhuwiex appalt, u bil-kontra, ix-xogħol ta' appalt huwa kategorija ta' kiri ta' xogħol u industrija, jiġifieri kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħmel xi ħaġa għall-parti l-oħra bi ħlas li l-parti l-oħra tintrabat li tħallas. Qalet li tul is-snin il-Qrati tagħna taw diversi sentenzi li lkoll jikkonfermaw li x-xogħol ta' *interior design* huwa xogħol ta' appalt.

14. B'riferiment għall-insistenza tal-appellant fuq il-klawsola numru 14 tal-kuntratt, is-soċjetà appellata qalet li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant dejjem sostna li l-kuntratt huwa ma kienx ffirmah, u għalhekk huwa ma kienx marbut

bit-termini tiegħu. Qalet li dan tant hu hekk, li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-appellant jgħid li l-kuntratt in kwistjoni la qatt ġie aċċettat u lanqas ġie iffirmat minnu, u dan jikkonfermah ukoll fl-*affidavit* tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li issa fl-istadju tal-appell, l-appellant huwa konvenjenti għalih jgħid il-kontra ta' dak li sostna quddiem l-Ewwel Qorti, u jgħid li huwa fil-fatt kien marbut bl-imsemmi kuntratt. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li mhux minnu li l-appellant ħallas l-ammont bħala konferma tas-servizzi li għandu jirċievi skont il-kuntratt mingħand is-soċjetà appellata, u spjegat li l-ħlas mill-appellant sar f'punt fejn il-partijiet ma kienux qegħdin jiftiehmu dwar it-termini tal-kuntratt. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li għalkemm il-kuntratt qatt ma ġie ffirmat mill-appellant, huwa risaput li l-vinkolu ta' appalt ma jeħtieġx il-forma skritta sabiex jeżisti u jorbot lill-partijiet. Żiedet tgħid li anke f'każ li din il-Qorti tqis li l-partijiet aċċettaw b'mod taċitu t-termini tal-abbozz tal-*Interior Design Agreement,* l-artikolu 1640 tal-Kap. 16 mhuwiex awtomatikament eskluż, tant hu hekk li d-dritt li min jagħti x-xogħol jista' jħoll il-kuntratt meta jrid, u l-konsegwenzi legali tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt huma stabbiliti fil-liġi, u għalhekk jeżistu irrispettivament minn dak li jipprovdi l-kuntratt. Is-soċjetà appellata qalet li dan id-dritt huwa eċċezzjoni għall-prinċipju *pacta sunt servanda.* Qalet li l-klawsola 14 tal-*Interior Design Agreement* tipprovdi li '*[e]ither party may terminate this Agreement with adequate prior written notice',* u f'dan il-każ għandu jirriżulta li l-appellant ittermina l-kuntratt bl-*email* tad-29 ta' Marzu, 2021, u dan in linea ma' dak li tipprovdi l-klawsola 14 tal-kuntratt. Żiedet tgħid li dan ma jammontax għal '*adequate notice',* u fi kwalunkwe każ ma ngħata l-ebda avviż kwalsiasi, għaliex l-appellant sempliċement ittermina l-kuntratt. Is-soċjetà appellata qalet li l-istipulazzjoni fil-klawsola 14 tal-*Interior Design Agreement* li '*the Interior*

*Designer shall be entitled to payment for services rendered up to that point in time',* imkien ma tgħid li fil-każ odjern għandhom ikunu esklużi danni jew kumpens ikkalkulat abbażi tal-qligħ mitluf. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li bil-kontra, klawsola 13 tal-kuntratt, fil-kuntest ta' *force majeure* tistipula illi '*[i]f any acts beyond any Party's control interfere with the completion of the listed services, the Interior Designer shall be entitled to payment for services rendered up to that point in time. No further losses or damages will be granted to either party'.* Qalet li din il-parti tħalliet barra fil-klawsola 14 b'intenzjoni. Is-soċjetà appellata qalet li għandu jkun ċar li l-arranġament bejn il-partijiet kien li d-depożitu ma kellux ikun rifondibbli, u dan għaliex f'każ li l-klawsola 14 tiġi interpretata b'mod li l-appaltatur jista' jħoll il-kuntratt fi kwalunkwe ħin u mingħajr ebda ġustifikazzjoni, bl-effett li d-depożitu jintradd lura, din l-interpretazzjoni ġġib fix-xejn l-iskop kollu tad-depożitu. Qalet li huwa loġiku li d-depożitu jkun intenzjonat li jkun *non-refundable* jekk tkun teżisti raġuni valida sabiex jinħall il-kuntratt minn min jagħti x-xogħol.

15. Is-soċjetà appellata qalet li hija konxja li teżisti każistika li tgħid li r-rikonvenzjoni hija kawża awtonoma, u għalhekk jekk it-talbiet rikonvenzjonali huma għal ammonti li ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Qorti in kwistjoni, il-Qorti għandha titqies li hija inkompetenti *rationae valoris* sabiex tiddeċiedi l-istess talbiet rikonvenzjonali. Qalet li hemm ukoll għadd ta' sentenzi li jistabbilixxu l-kontra ta' dan. Żiedet tgħid li l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 161(5) jipprevedi sitwazzjoni fejn żewġ kawżi awtonomi jew aktar, jinbdew permezz ta' rikors wieħed, u għandhom jitqiesu kumulattivament u mhux indipendentement għall-finijiet ta' kompetenza. Qalet li dan l-artikolu jipprovdi speċifikament li l-Qorti tibqa' kompetenti anke jekk sussegwentement kawża

tinfired minn mal-oħra, u għalhekk fil-kuntest ta' rikonvenzjoni, huwa sottomess li m'hemmx xi ostakolu insurmontabbli li żewġ kawżi awtonomi jitqiesu kumulattivament għall-fini ta' kompetenza. Qalet li l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tevalwa kull każ ta' rikonvenzjoni, u tiddeċiedi jekk huwiex fl-interess tal-ġustizzja li t-talbiet rikonvenzjonali jitqiesu kumulattivament u mhux indipendentement għall-fini ta' kompetenza. Is-soċjetà appellata qalet li l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lanqas ma jippermetti l-eċċezzjoni dwar nuqqas ta' kompetenza fil-grad ta' appell, jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha[1], u lanqas m'hija permessa ritrattazzjoni f'dan ir-rigward.[2] Qalet li l-kompetenza hija għodda li tgħin sabiex il-kawżi jinstemgħu b'aktar effiċjenza, u huwa kontradittorju li l-mekkaniżmu pprovdut mil-liġi sabiex il-ġustizzja ssir b'mod aktar effiċjenti, jiġi interpretat bħala ġustifikazzjoni jew mezz sabiex il-proċeduri jiġu dduplikati jew sabiex jitwalu. Is-soċjetà appellata qalet li l-każ *de quo* jittratta obbligazzjoni waħda u dritt wieħed, fejn is-soċjetà appellata qiegħda ssostni obbligazzjoni ta' ħlas ta' ħdax-il elf, seba' mija u disgħa u għoxrin Euro  u għoxrin ċenteżmu (€11,729.20), u min-naħa l-oħra l-appellant qiegħed jattakka din l-obbligazzjoni, u jsostni li l-ebda pagament m'huwa dovut minnu. Is-soċjetà appellate qalet li l-ġudizzju dwar it-talbiet rikonvenzjonali jivversa wkoll fuq l-obbligazzjoni u d-dritt intier tal-pagament ta' ħdax-il elf, seba' mija u disgħa u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€11,729.20) għall-appalt in kwistjoni, u għalhekk għandu jirriżulta li t-talbiet rikonvenzjonali jaqgħu fil-kompetenza tal-Ewwel Qorti.

[1] L-artikolu 790 tal-Kap. 12.
[2] L-artikolu 811(d) tal-Kap. 12.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju sollevat mill-appellant dwar l-apprezzament tal-provi, is-soċjetà appellata saħqet li din il-qorti ta' reviżjoni m'għandiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Spjegat li x-xogħol li kellu jiġi pprestat u l-ammont pagabbli għal dak ix-xogħol, huwa ben definit fid-*Design Quotation* tas-soċjetà appellata pprovduta lill-appellant fit-12 ta' Frar, 2021. Is-soċjetà appellata qalet li s-servizzi kellhom jinqasmu f'żewġ fażijiet – *Spring 2021* u *Autumn 2021* rispettivament. Is-soċjetà appellata spjegat li x-xogħol li kellu jkun lest fil-fażi '*Spring 2021*', kellu jinkludi l-'*Concept Development',* li jinkludi '*aesthetic changes to the existing interior to 'lighten' the mood and feel of the space',* u l-'*Implementation',* liema fażi tinkludi '*Bill of Quantities for the work required to finish the project, sourcing materials, suppliers and tradespersons to ensure that the work is being carried out in accordance with the design brief. We will manage the project so that all the elements listed in the concept are installed within the required timeframe'.*

17. Il-fażi '*Autumn 2021*' kellha tinkludi l-'*Conceptual Design',* li kellu jinkludi '*Concept Development', 'Conceptual Design & Design of Focal Points*', '*Space Planning & Furniture Layout*', u '*Colour Scheme & Choice of Materials'.* It-tielet aspett kellu jkun dak ta' '*Design Management',* jiġifieri konsultazzjoni sabiex jiġi assigurat li l-implimentazzjoni tal-proġett ikun skont id-*design objectives.* Is-soċjetà appellata spjegat li x-xogħol ma kellux jinkludi l-*project management,* u l-ewwel fażi tal-proġett ma kellhiex tinkludi disinji għaliex l-appellant kien kostrett b'limitazzjonijiet ta' żmien. Qalet li kien hemm xogħol li ġie pprestat fil-fażi '*Spring 2021'* li kellu jinkludi biss l-'*Concept Development',* jiġifieri kambjamenti estetiċi ħfief, u l-'*Implementation'* fis-sens ta' l-elenku tal-*bills of quantities,* l-identifikazzjoni ta' materjali u *suppliers,* u dan ix-xogħol kellu

jeskludi l-immaniġġjar tal-proġett, u f'dan l-istadju ma kienux meħtieġa disinji jew *drawings.*

18. Is-soċjetà appellata qalet li fl-10 ta' Frar, 2021, Kristine Bonnici marret fuq il-*yacht* in kwistjoni, sabiex tiffamiljarizza ruħha mal-ambjenti, u tieħu xi ritratti. Qalet li fil-ġranet ta' wara, u wara laqgħa oħra fuq il-*yacht* mas-*suppliers,* is-soċjetà appellata żviluppat il-*concept development* konsistenti f'diversi proposti ta' kambjamenti estetiċi, u fid-19 ta' Frar, 2021, l-appellant wieġeb għall-*email* mibgħuta lilu b'dawn il-proposti, b'*email* oħra fejn issenjala l-qbil tiegħu ma' dak propost, u anki talab lil Kristine Bonnici tibda x-xogħol. Is-soċjetà appellata spjegat kif fil-ġranet ta' wara, hija ħadmet fuq *colour palette* li ġie integrat f'*concept board* u anki f'*mood board* għall-*yacht,* u stabbiliet ukoll liema għamara kellha tinbidel jew tiġi *reupholstered,* u identifikat id-drapp, tessuti u materjal ieħor li kellu jintuża, billi talbet kampjuni mingħand is-*suppliers.* Is-soċjetà appellata qalet li fl-*email* tat-3 ta' Marzu, 2021, hija bagħtet lill-appellant id-dokument tal-*mood board,* li jinkludi l-imsemmi *colour concept*, u kopja ta' *logo* ddisinjat mis-soċjetà appellata, flimkien ma' numru ta' *BOQs* u *quotations* ta' terzi. Żiedet tgħid li dakinhar stess saret *video call* mal-appellant, fejn ġew diskussi l-kunċetti proposti, inkluż il-*colour scheme,* id-*design concept,* u l-kampjuni tal-materjal u l-*logo*, u l-appellant waqt din il-laqgħa approva l-kunċett u l-*quotations* li kienu ntbagħtulu. Qalet li wara li ntemmet din il-*video call,* Kristine Bonnici stess kitbet lis-*suppliers* Interior Outfitters Limited b'*email,* u infurmathom li l-klijent kien approva, u qaltilhom jibagħtu d-dettalji tal-bank tagħhom għall-ħlas tad-depożitu. L-appellata spjegat li fis-7 ta' Marzu, 2021, l-appellant bidel fehmtu u talab li l-kulur iswed jinbidel mal-kannella jew oranġjo, u Kristine Bonnici rrispondietu li l-kuluri suġġeriti minnu ma kienux adattati, u

ssuġġerietlu l-blù minflok. Qalet li l-appellant għal darb'oħra approva t-tibdil suġġerit. Is-soċjetà appellata qalet li fid-9 ta' Marzu, 2021, saret laqgħa oħra fuq il-*yacht* bejn rappreżentanti tagħha u l-ekwipaġġ, fejn ġew diskussi proposti għall-uniformi tal-ekwipaġġ, pożati, oġġetti tal-kċina, magna tal-kafè u bjankerija għas-sodod. Fit-18 ta' Marzu, 2021, saret laqgħa oħra fuq il-*yacht* fil-preżenza tal-appellant. Is-soċjetà appellata spjegat li waqt din il-laqgħa l-appellant kompla jitlob pariri dwar il-parti interna tal-*yacht,* inkluż soluzzjonijiet biex jiġu koperti l-uċuħ tal-għamara, u talab pariri fuq stili u dimensjonijiet għal diversi pitturi li xtaq jinstalla. Qalet li f'*email* tal-24 ta' Marzu, 2021, hija rrakkomandat tipi ta' pitturi differenti għall-ambjent, ipprovdiet id-dimensjonijiet tagħhom u pprovdiet anki l-viżwali ta' dawn il-pitturi. Fl-istess *email* tatu wkoll pariri oħra dwar pjanti, *colour wraps* għall-*appliances* tal-kċina, pariri fuq it-tibdil tal-uċuħ tal-għamara, u pprovdietlu kwotazzjonijiet għal *fabric throws.*

19. Is-soċjetà appellata qalet li mill-provi għandu jirriżulta li s-*suppliers* kellhom jiġu identifikati minnha, u kellhom biss xahar sabiex jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-eqqel tal-COVID, meta mhux biss kien hemm ħafna dewmien fil-ġarr tal-merkanzija bil-baħar, imma kien hawn ukoll *lockdown* mandatorju. Qalet li minkejja dan kollu, hija xorta waħda irnexxielha tidentifika numru ta' *suppliers* li setgħu jipprovdu s-servizzi u l-prodotti tagħhom f'qasir żmien kif rikjest mill-appellant, u hija lestiet dan ix-xogħol anki qabel ma l-appellant ħallas id-depożitu. Is-soċjetà appellata qalet li jirriżulta li fit-18 ta' Frar, 2021 saru diversi laqgħat fuq il-*yacht* bejn Kristine Bonnici u *designers* oħra tas-soċjetà appellata ma' diversi *suppliers*, u hemm prova ta' dawn il-laqgħat fl-*emails* mibgħuta mis-*suppliers* nfushom, fosthom Alison Satariano u Joseph Abela minn Trends

Manufacturing Limited. Qalet li wara t-22 ta' Frar, 2021 u fil-ġranet ta' wara, komplew il-laqgħat bejn is-soċjetà appellata u d-diversi *suppliers*, kif jirriżulta mill-*quotations* esebiti mis-*suppliers* stess, li ma setgħux isiru f'daqstant dettall li kieku dawn ma kienux infurmati tajjeb dwar il-modifiki estetiċi kollha li kellhom isiru fuq il-yacht. Is-soċjetà appellata qalet li wara z-*zoom call* tat-3 ta' Marzu, 2021 bejn l-appellant u l-appellata, fejn ġew diskussi u approvati dawn il-kwotazzjonijiet, Kristine Bonnici kitbet lil Interior Outfitters Limited u infurmathom li l-klijent kien approva, u talbithom jibagħtu d-dettalji tal-bank għall-ħlas tad-depożitu. Qalet li però ġurnata wara, l-appellant kitbilha fejn infurmaha li huwa ma kienx ra l-kwotazzjonijiet kollha, u kien induna li d-drappijiet kienu għoljin wisq. Kien hemmhekk fejn l-appellant issuġġerixxa li jiġi irħas li l-għamara tinxtara mill-ġdid minflok tiġi *reupholstered,* u ssuġġerixxa wkoll li jinxtara dak li jista' jinxtara lokalment jew mill-Italja. Bonnici rrispondiet għal dan, billi qalet li kien ser ikun diffiċli li tinxtara għamara ġdida, u tiġi kkonsenjata fl-*Ispring Phase,* għaliex din kellha tiġi ordnata, u kien hemm restrizzjonijiet ta' ħin. Bonnici ssuġġeriet li minflok l-għamara l-ġdida tinxtara fl-*Autumn Phase,* u fil-frattemp l-għamara tiġi koperta bi *throws.* Wara rriżulta li l-appellant ma kienx qara ċ-ċifra fuq il-kwotazzjoni b'mod korrett, iżda xorta waħda baqa' jsostni li l-ammont ikkwotat kien eċċessiv. Qalet li fis-7 ta' Marzu, 2021, l-appellant talab tibdil fil-*colour scheme,* u wara li ġie deċiż li l-kulur kellu jinbidel, l-appellata kellha titlob kwotazzjonijiet ġodda mingħand is-*suppliers*. Minħabba f'hekk kellhom isiru laqgħat oħrajn ma' uħud mis-*suppliers*. Is-soċjetà appellata qalet li fid-9 ta' Marzu, 2021, l-appellant reġa' bidel id-diskors, u qal li huwa kien qiegħed joġġezzjona mhux għall-prezz tal-materjal, iżda għall-prezz tax-xogħol tat-tapizzerija, u żied jgħid li biex jaċċetta, il-prezz kellu jonqos

bin-nofs. Fl-istess *email,* l-appellant talab lis-soċjetà appellata ttih l-ispeċifikazzjonijiet tal-*Concept Designs* sabiex iġib kwotazzjonijiet mingħand *suppliers* fit-Turkija. Din l-informazzjoni ngħatat lill-appellant fit-12 ta' Marzu, 2021. Fit-16 ta' Marzu, 2021, l-appellant ingħata l-kwotazzjonijiet għall-affarijiet tal-kċina u għall-bjankerija tal-kmamar tas-sodda, filwaqt li fit-18 ta' Marzu, 2021 saret laqgħa fuq il-*yacht* bejn Kristine Bonnici u l-appellant, fejn l-appellant kompla jitlobha pariri dwar il-parti interna tal-*yacht.* F'*email* tal-24 ta' Marzu, 2021, is-soċjetà appellata pprovdiet dawn ir-rakkomandazzjonijiet u l-informazzjoni rikjesta, flimkien ma' kwotazzjonijiet ġodda, fejn l-appellant ġie infurmat li f'każ li kien ser japprova dak lilu propost, l-ordni tad-drappijiet kellha ssir b'mod immedjat. Is-soċjetà appellata qalet li ma semgħet xejn dwar dan mingħand l-appellant, u għalhekk bagħtitlu *email* oħra fejn talbet xi forma ta' reazzjoni mingħandu għall-proposti li sarulu. Fid-29 ta' Marzu, 2021, iċ-*Chef* tal-*yacht* informa lil Bonnici li l-appellant kien iddeċieda li jixtri l-materjal u s-servizzi mit-Turkija. Is-soċjetà appellata qalet li anki jekk jirriżulta li l-installazzjoni finali ma saritx, din ma saritx għaliex l-appellant naqas milli japprova l-kwotazzjonijiet kollha pprovduti lilu. Qalet li l-appellant aġixxa *in mala fede* meta approprja ruħhu mix-xogħol kollu li għamlet hi, inkluż il-*concept designs* u l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati li kienet lestiet, sabiex jevita milli jħallas lis-soċjetà appellata.

20. Is-soċjetà appellata qalet li minkejja li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li hija ma kienet għamlet l-ebda xogħol fir-rigward tat-tieni fażi tal-proġett, dan mhux minnu. Spjegat li hija kienet ħadmet sostanzjalment fuq it-tieni fażi msejħa '*August 2021*', u l-appellant kien ikkommetta ruħhu għaż-żewġ fażijiet, u għalhekk kien fl-interess tal-partijiet li x-xogħol kollu li seta' jsir, fil-fatt isir. Is-

soċjetà appellata qalet li fl-ewwel fażi ma kienx hemm il-ħtieġa ta' *concept boards, colour scheme* u *mood boards,* imma dawn fil-fatt saru minnha, u ġew ipprovduti lill-appellant. Qalet li saret rakkomandazzjoni wkoll għall-*colour scheme* li kellha ssir fuq il-*hull,* liema xogħol seta' jsir biss meta l-*yacht* ikun fit-tarzna għax-xogħol li kellu jsir fl-*Autumn Phase.* Is-soċjetà appellata qalet li min-naħa tagħha sar xogħol ta' disinji fil-forma ta' *sketches* għal xogħol ta' ristrutturar, xogħol ta' *surveying,* li wkoll kellu jifforma parti mit-tieni fażi, u saru diversi laqgħat ma' *suppliers* li kellhom jagħmlu xogħol estensiv fl-*Autumn Phase.* Is-soċjetà appellata qalet li hija kellha talloka wkoll ammont ta' riżorsi u tillimita proġetti oħrajn fil-perijodu fejn kien ser isir ix-xogħol fuq l-*Autumn Phase,* ladarba hija ntrabtet li tagħmel dan ix-xogħol, u kien proprju għalhekk li hija talbet depożitu fir-rigward tax-xogħol li kellu jsir fit-tieni fażi. Qalet ukoll li l-volum ta' xogħol li sar fit-tieni fażi, imur oltre l-20% li tħallas mill-appellant bħala depożitu.

21. Is-soċjetà appellata daħlet fil-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni għat-terminazzjoni tal-appalt. Qalet li l-liġi fl-artikolu 1640 tal-Kap. 16, issemmi *'raġuni valida'* għat-terminazzjoni, u b'dan wieħed irid jifhem l-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Qalet li l-unika raġuni mogħtija mill-appellant għat-terminazzjoni tal-appalt, kienet li x-xogħol ma ġiex ipprestat. Qalet li huwa ċar fid-dawl tal-provi, li x-xogħol ta' *interior designer* fil-fatt sar mis-soċjetà appellata hekk kif ikkorroborat min-numru kbir ta' *emails,* diversi xhieda u dokumenti esebiti fil-proċess. Qalet li dan jidher ċar ukoll mill-fatt li l-appellant talabha l-ispeċifikazzjonijiet kollha sabiex jieħu x-xogħol għand *suppliers* fit-Turkija, u qalet li dan l-aġir jammonta għal inkonsistenza fix-xhieda u fl-asserzjonijiet magħmula mill-appellant.

22. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellant jallega wkoll li s-servizz ipprestat lilu minnha kien wieħed *"diżastruż"*, iżda fil-verità imkien fix-xhieda tiegħu u lanqas fil-korrispondenza kollha esebita, l-appellant ma allega li l-kwalità tax-xogħol kienet waħda ħażina. Qalet li l-ilment tal-appellant kien biss li l-prezz ikkwotat kien għoli, iżda dan imkien ma qal li ma kienx kuntent bix-xogħol ipprestat lilu mill-appellata, tant hu hekk li l-appellant aċċetta l-proposti estetiċi kollha li sarulu, u kompla jitlob il-pariri ta' Kristine Bonnici sal-aħħar laqgħa li saret fuq il-*yacht.* Is-soċjetà appellata qalet li l-akbar evidenza li l-appellant ma kellux problema bil-kwalità tax-xogħol, kien proprju l-fatt li huwa aġixxa in *mala fede*, u approprja ruħhu mix-xogħol imwettaq mis-soċjetà appellata sabiex ma jħallasx għalih.

23. B'riferiment għall-allegazzjoni li x-xogħol kien tardiv, is-soċjetà appellata qalet li hija kienet konxja tat-terminu qasir impost mill-appellant, kif ukoll bir-restrizzjonijiet li ġabet magħha l-pandemija, tant hu hekk li qabel aċċettat dan ix-xogħol, ivverifikat mas-*suppliers* kollha li huma setgħu jipprovdu x-xogħol fiż-żmien stabbilit. Kompliet tgħid li l-lanjanza tal-appellant ma tirrigwardax ix-xogħol kollu ta' *interior design* li fil-fatt sar minnha fiż-żmien preskritt, iżda hija limitata għall-installar mis-*suppliers* u xogħlijiet ta' terzi. Qalet li s-*suppliers* kollha kienu infurmati bit-*time-frame,* u hija dejjem ikkonfermat li s-*supplier* in kwistjoni seta' jippresta s-servizzi fiż-żmien stipulat. Qalet li anki meta l-appellant bidel fehemtu dwar il-kulur, hija avżatu mill-ġdid bit-*timeframe,* u marret oltre billi nnegozjat mas-*suppliers* sabiex dawn jipprovdu l-materjal kollu bil-*courier* ħalli jlaħħqu mat-terminu ta' żmien li ngħataw. Qalet ukoll li kien hemmhekk li l-appellant infurmaha li minħabba problema teknika fid-dgħajsa,

kienu ser isalpaw fl-10 ta' April, 2021 u mhux fl-aħħar ta' Marzu kif previst. Qalet li meta fl-24 ta' Marzu, 2021 l-appellant bidel fehmtu, u qal mill-ġdid li ma kienx kuntent bil-prezz għat-tapizzerija, hija tatu għażliet oħra, iżda infurmatu li t-tessuti kellhom jiġu ordnati immedjatament. Qalet li hija baqgħet sal-aħħar tfakkar lill-appellant bit-*time-line* impost minnu, u jirriżulta li l-materjal ma ġiex ipprovdut għaliex l-appellant ma tax il-kunsens tiegħu għax-xogħol, u għaliex naqas milli japprova l-kwotazzjonijiet, u jħallas id-depożitu lis-*suppliers*.

24. B'riferiment għall-allegazzjoni li l-kwotazzjonijiet kienu għoljin wisq, is-soċjetà appellata qalet li l-appellant ma qalx li l-kwotazzjonijiet kienu kollha eċċessivi, imma dik ta' Interior Outfitters biss. Qalet li fir-rigward ta' dan is-*supplier*, l-appellant irrikjeda prodott finali ta' kwalità għolja u ta' lussu, u kien għalhekk li huwa għażel lis-soċjetà appellata. L-appellant talab għal materjal li jkun *fire retardant* u li jkun tajjeb għax-xemx, u fir-rigward tal-bjankerija dan talab ukoll *thread count* speċifika, kif ukoll *embroidery* u *edging* speċifiku. Is-soċjetà appellata qalet li minkejja li l-appellant allega li l-appalt ġie tterminat għal raġuni tajba, l-appellant fil-fatt naqas milli jġib prova li kien sab materjal b'dawk l-ispeċifikazzjonijiet li huwa orħos minn dak ta' Interior Outfitters.

25. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li mhuwiex minnu li hija ma ppruvatx issib soluzzjonijiet oħrajn. Spjegat li meta l-appellant ilmenta li l-prezzijiet kienu għoljin wisq, hija esplorat il-possibilità li l-għamara tinxtara lokalment u mill-Italja, imma dan ma kienx possibbli minħabba fit-termini ta' żmien imposti mill-appellant innifsu. Minflok ma kkonferma xi waħda mill-għażliet proposti lilu, l-appellant informa lis-soċjetà appellata li kien ser jara jsibx kwotazzjonijiet aħjar

mit-Turkija, u hija ma kellha l-ebda problema b'dan, tant hu hekk li tatu l-ispeċifikazzjonijiet kollha mitluba minnu. Minkejja dan, is-soċjetà appellata baqgħet tibgħat il-kwotazzjonijiet lill-appellant.

26. L-appellata qalet li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, li l-kommittent għandu dritt ixolji l-appalt, iżda meta ma jkunx ħtija tal-appaltatur, il-kommittent li jeżerċita dan id-dritt, ikun tenut iħallas lill-appaltatur tax-xogħol li jkun għamel u jħallsu somma li tiġi ffissata mill-Qorti skont iċ-ċirkostanzi, li ma teċċedix il-profitt li l-appaltatur kien jagħmel li kieku kompla x-xogħol. L-appellata spjegat li x-xogħol kollu li kellu jiġi pprestat fl-ewwel fażi '*Spring 2021*' min-naħa tagħha, sar kollu ħlief forsi għall-installazzjoni finali, u dan għaliex l-appellant naqas milli japprova l-kwotazzjonijiet ipprovduti lilu. Qalet li sar volum ta' xogħol sostanzjali fuq l-*Autumn Phase,* liema volum ta' xogħol jeċċedi l-20% li tħallas mill-appellant bħala depożitu, u l-ammont ta' €11,729.20 mitlub minnha kien dovut għax-xogħol ipprestat minnha fir-rigward ta' dawn iż-żewġ fażijiet. Żiedet tgħid li l-ammont li tħallas għall-*Autumn Phase* tħallas bħala *non-refundable deposit.* Qalet li jekk din il-Qorti jidhrilha li x-xogħol pattwit ma kienx ta' dan il-valur, iżda inqas, ladarba l-appellant ma kellux raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lis-soċjetà appellata somma oħra li tirrappreżenta l-qligħ li tilfet is-soċjetà appellata mill-proġett kollu. Qalet li fil-każ odjern ix-xogħol kien aktar intellettwali milli xogħol konkret li jista' jiġi valutat, u l-ammont dovut lilha jista' jiġi ffissat *ex aequo et bono* mill-ġudikant. Qalet li s-sentenza appellata qieset li għandha tapplika *net profit margin* ta' 20% fuq il-bilanċ tal-prezz tax-xogħol kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni fażi, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti

li tapplika kumpens fuq il-qliegħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu, hija ġusta u timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

27. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mis-soċjetà appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Il-fehma tal-appellant li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi]*

28. L-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat bil-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, li hawnhekk *si tratta* ta' kuntratt ta' appalt, filwaqt li fil-fehma tiegħu l-appalt ikun għal xogħol u mhux għal servizzi. Qal li għandu jirriżulta li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li s-soċjetà appellata tippresta s-servizzi ta' *interior designer,* u l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħmel distinzjoni bejn kuntratt ta' appalt u kuntratt ta' bejgħ. Il-Qorti tagħmel riferiment għall-artikolu 1633 tal-Kap. 16, li jsemmi l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, li jgħid li:

> "Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol jista' jiftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal."

29. M'hemmx dubju li s-soċjetà appellata ntalbet tippresta s-servizzi ta' *interior design* tal-*yacht* proprjetà tal-appellant, u hija ntalbet tippresta dawn is-servizzi proprju għaliex din hija l-linja ta' xogħol li hija speċjalizzata fiha. Huwa ċar anki mill-*Interior Design Agreement,* li mill-provi jirriżulta li ma ġiex iffirmat mill-partijiet, li l-partijiet ftiehmu u qablu fuq il-prestazzjoni ta' servizz mis-

soċjetà appellata, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni fil-każ odjern l-appellant qiegħed jikkontesta l-eżistenza ta' kuntratt ta' appalt.

30. L-appellant jagħmel ukoll riferiment għall-klawsola numru 14 tal-kuntratt, li tgħid li l-appellant jista' jittermina l-ftehim bejn il-partijiet, sakemm jagħti avviż ta' dan fi żmien xieraq u bil-miktub. Din il-klawsola tikkontempla wkoll li s-soċjetà appellata għandha titħallas għax-xogħol li tkun ipprestat sa dakinhar. Il-Qorti tirrileva li anki hawnhekk, l-appellant mhuwiex ikun veritier mal-fatti kif ġraw, u qiegħed jagħżel liema fatti jislet u jiċċita fir-rikors tal-appell tiegħu in sostenn tal-pożizzjoni li qiegħed jieħu. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-appellant irrifjuta li jiffirma l-kuntratt propost mis-soċjetà appellata, u huwa semma dan kemm fix-xhieda ġuramentata tiegħu, u anki fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Lill-Ewwel Qorti dan ma sfuġġiliex, għalkemm din qalet ukoll li minkejja l-fatt li l-appellant irrifjuta li jiffirma il-ftehim, mill-provi jirriżulta li l-partijiet xorta waħda riedu jonoraw it-termini tal-ftehim propost mis-soċjetà appellata. Il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti tant kienet korretta f'din l-asserzjoni tagħha, li l-appellant qiegħed issa jiċċita klawsola fil-kuntratt in sostenn tal-pożizzjoni li qiegħed jieħu f'dawn il-proċeduri.

31. Il-Qorti tirrileva wkoll li mill-provi jirriżulta li l-appellant informa lis-soċjetà appellata li kien fi ħsiebu jakkwista l-materjal mit-Turkija permezz taċ-*chef* impjegata fuq il-*yacht* in kwistjoni, u huwa għamel dan biss fid-29 ta' Marzu, 2021, meta l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien li x-xogħol tal-*Ispring Phase* kellu jkun lest sal-aħħar ta' Marzu tal-2021, u sussegwentement ġie estiż sal-10 ta' April, 2021, għaliex il-*yacht* ma setgħetx issalpa. L-appellant għalhekk

ċertament li ma jistax jitqies li ta pre-avviż fi żmien raġonevoli lis-soċjetà appellata, li huwa kien fi ħsiebu jittermina l-appalt in kwistjoni. Mill-provi jirriżulta li saru diversi laqgħat bejn il-partijiet, ġew ikkonsultati *suppliers* li kellhom jipprovdu xi uħud mill-materjal li kien jeħtieġ l-appellant, kien hemm proposti li ntlaqgħu u oħrajn li ġew rifjutati, u s-soċjetà appellata, għal kull proposta li kienet irrifjutata, għamlet kontro-proposti b'alternattiva oħra. L-appellant, tul dawn l-iskambji kollha, dejjem indika li kien kuntent bis-servizz tas-soċjetà appellata, u ma kienx kuntent biss bil-kwotazzjoni dwar x-xogħol ta' tapizzerija ta' uħud mill-għamajjar li kien hemm fuq il-*yacht,* u mhux b'kull servizz ipprestat lilu mis-soċjetà appellata. Lanqas m'hija veritiera l-asserzjoni tal-appellant li s-soċjetà appellata naqset li tipprovdilu alternattiva bi prezz orħos, meta indika li l-kwotazzjoni tax-xogħol propost kienet waħda għolja wisq, għaliex fil-fatt huwa ngħata l-għażla li jixtri *throws* li jkunu jikkumplimentaw il-kumplament tal-għamara ta' fuq il-*yacht,* u jistenna sakemm isir xogħol aktar estensiv fil-Ħarifa u fix-Xitwa, sabiex ibiddel l-għamara li xtaq ibiddel b'għamara ġdida. Imma minflok l-appellant talab l-ispeċifikazzjonijiet u l-qisien li ħadet is-soċjetà appellata, u mar it-Turkija biex jixtri dak li kien jinħtieġ minn hemmhekk. Jidher li s-soċjetà appellata, fin-negozju kollu li għamlet mal-appellant, ħadmet mhux biss skont l-ispeċifikazzjonijiet li ngħatat, iżda wkoll fi żmien ristrett ħaf na impost mill-appellant, u f'bosta mill-korrispondenza li bdiet tintbagħat viċin id-*deadline* sa meta kellha tkun lesta l-ewwel fażi tax-xogħol, din bdiet tfakkar lill-appellant kontinwament fit-terminu ristrett ta' żmien impost minnu. Imma l-appellant, sa jumejn qabel għalaq it-terminu impost minnu, baqa' ma infurmax lis-soċjetà appellata li huwa kien fi ħsiebu jittermina l-appalt in kwistjoni, u dan meta lilu kellu jirriżultalu li s-soċjetà appellata kienet immobilizzat bosta mir-

riżorsi tagħha sabiex tkun tista' takkomodah, partikolarment f'perijodu ta' żmien daqstant delikat tal-pandemija tal-COVID.

32. Kontestazzjoni oħra sollevata mill-appellant taħt dan l-aggravju hija dwar il-kompetenza *rationae valoris* tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kontro-talba tas-soċjetà appellata, fejn l-appellant jgħid li huwa t-Tribunal għal Talbiet Żgħar li kellu l-kompetenza jisma' dik it-talba u mhux tal-Qorti tal-Maġistrati. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li dan l-aggravju kellu jitqanqal fl-eċċezzjonijiet li l-appellant ressaq quddiem l-Ewwel Qorti bħala risposta għall-kontro-talba tas-soċjetà appellata. Il-Qorti tirrileva li fil-premessi għall-kontro-talba tagħha, is-soċjetà appellata spjegat li hija dovuta l-ammont ta' ħdax-il elf, seba' mija u disgħa u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€11,729.20), liema ammont jirrappreżenta l-ammont dovut għax-xogħol tal-ewwel fażi, u d-depożitu għat-tieni fażi, u minn dan l-ammont l-appellant kien diġà ħallas tmint elef, mitejn u erbgħa u għoxrin Euro u sittin ċenteżmu (€8,224.60), sabiex b'hekk il-bilanċ pretiż mis-soċjetà appellata fil-kontro-talba tagħha, kien ta' tliet elef, ħames mija u erba' Euro u sittin ċenteżmu (€3,504.60). Jirriżulta għalhekk li l-kontro-talba tas-soċjetà appellata kienet għall-ammont totali ta' €11,729.20, minn liema ammont l-appellant laħaq ħallas is-somma li huwa ppretenda li għandha tiġi rifuża lilu għaliex fil-fehma tiegħu mhijiex dovuta. Il-Qorti tqis li meta jiġu iżolati l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata mit-talbiet tal-appellant, hekk kif inhu ben magħruf li kontro-talba titqies bħala kawża awtonoma u indipendenti mill-kawża prinċipali, il-pretensjoni tas-soċjetà appellata hija għall-ħlas ta' €11,729.20, filwaqt li l-appellant qiegħed jinsisti li jieħu lura parti sostanzjali minn dan l-ammont li huwa laħaq ħallas bħala depożitu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li s-sentenza appellata m'hija affettwata minn

ebda applikazzjoni żbaljata tal-liġi, u għalhekk dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-appellant jinsisti li huwa kien ġustifikat jittermina l-kuntratt li ta lis-soċjetà appellata, u l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi fir-rigward]*

33. L-appellant jgħid li huwa kellu raġun jittermina l-kuntratt għaliex huwa ma ngħatax is-servizz mitlub fiż-żmien stabbilit minnu, ingħata kwotazzjonijiet li kienu għoljin, u s-soċjetà appellata naqset milli tagħti alternattivi vijabbli meta huwa wera li l-prezzijiet indikati lilu kienu għoljin.

34. Il-Qorti tibda billi tirrileva li f'dan l-istadju mhijiex ser tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, partikolarment għaliex ir-riassunt li tat l-Ewwel Qorti dwar il-fatti kif seħħew, u l-*input* tas-soċjetà appellata tul it-terminu tal-appalt, ġurnata b'ġurnata, ġie spjegat fid-dettall fis-sentenza appellata. Tgħid biss li l-asserzjoni tal-appellant li s-soċjetà appellata riedet titħallas talli żammet tliet laqgħat u pprovdietlu numru ta' kwotazzjonijiet li huwa deherlu li kienu esaġerati, hija kemmxejn fazzjuża, meta wieħed iqis li hekk kif l-appellant indika li xtaq jingaġġa s-servizzi tas-soċjetà appellata għax-xogħol li huwa kellu f'moħħu li jagħmel fuq il-*yacht* tiegħu, skattaw sensiela ta' laqgħat u *site visits* mid-direttriċi tas-soċjetà appellata, li marret fuq il-*yacht* in kwistjoni flimkien ma' diversi *suppliers*. Jirriżulta wkoll li qabel ġew avviċinati dawn is-*suppliers*, Kristine Bonnici, in rappreżentanza tas-soċjetà appellata, aċċertat ruħha li dawn setgħu jaqdu l-inkarigu li seta' eventwalment jingħatalhom fit-termini ristretti ferm imposti

mill-appellant, u dan fi żmien meta f'Malta kien hawn it-tieni *lockdown* minħabba l-pandemija tal-COVID, u fi żmien meta kien hawn ħafna diffikultajiet fil-ġarr tal-merkanzija bejn pajjiż u ieħor. Mill-provi jirriżulta li l-ewwel *email* tal-appellant intbagħtet lis-soċjetà appellata fid-9 ta' Frar, 2021, u l-għada, fl-10 ta' Frar, 2021, rappreżentanta tas-soċjetà appellata żammet l-ewwel *site visit* fuq il-*yacht.* Saru wkoll numru ta' *zoom calls,* fosthom dik tat-3 ta' Marzu, 2021, fejn skont ma xehdet l-istess Kristine Bonnici, l-appellant ingħata spjegazzjoni tax-xogħol li kien ser isir u dwar kif it-tibdil propost mill-appellata kellu jseħħ kemm waqt l-ewwel fażi, fejn kellu jsir biss tibdil ta' natura kożmetika fuq il-*yacht,* kif ukoll xogħol ieħor li kellu jsir fit-tieni fażi, meta l-*yacht* kellu jiġi ristrutturat b'mod estensiv. Kien biss fl-4 ta' Marzu, 2021 li l-appellant indika għall-ewwel darba li l-prezz tad-drappijiet li kien ikkwotat lilu, kien għoli wisq, u minn hemm saru sensiela ta' proposti mis-soċjetà appellata dwar l-alternattivi li seta' jirrikorri għalihom l-appellant minflok ir-*re-upholstery* li kien ippropona oriġinarjament. Saru diversi laqgħat abbord il-*yacht*, inkluż dwar l-uniformi li kellha tiġi ddisinjata għall-membri tal-ekwipaġġ, imma minkejja dan l-appellant baqa' qatt ma kkonferma li s-soċjetà appellata setgħet tawtorizza lis-*suppliers* indikati minnha, jibdew ix-xogħlijiet. Fl-24 ta' Marzu, 2021, is-soċjetà appellata pprovdiet kwotazzjonijiet ġodda lill-appellant wara li dan għal darb'oħra bidel il-parametri tal-ingaġġ tiegħu, u biddel xi speċifikazzjonijiet. Dan fl-isfond tal-pressjoni taż-żmien impost mill-appellant innifsu dwar meta x-xogħol kellu jkun lest. Kien biss fid-29 ta' Marzu, 2021, jiġifieri jumejn biss qabel kellha tiġi eżegwita l-ewwel parti tal-appalt, li sussegwentement ġiet estiża sal-10 ta' April, 2021 għaliex il-*yacht* ma setgħetx issalpa, li waħda mill-membri tal-ekwipaġġ tal-appellanta infurmat lil Kristine Bonnici li l-materjal kien ser jiġi akkwistat mit-

Turkija. Is-soċjetà appellata qalet li hija xorta waħda baqgħet tikkomunika mal-appellant rigward kwotazzjonijiet oħra u xogħol ieħor li kellu jsir fit-tieni fażi tal-proġett, u kien hawn fejn l-appellant indika li ma kienx dispost li jibqa' f'kuntatt mas-soċjetà appellata. Il-Qorti tqis li l-asserzjonijiet li jagħmel l-appellant rigward ir-raġunijiet għalfejn huwa ttermina l-appalt, huma kollha bla bażi. Ibda biex għandu jirriżulta li mhuwiex minnu li x-xogħol li għamlet is-soċjetà appellata ma kienx ta' utilità għall-appellant, tant hu hekk li huwa talabha l-ispeċifikazzjonijiet u l-qisien li kienet ħadmet fuqhom, sabiex abbażi tagħhom jagħmel l-ordni tal-oġġetti band'oħra. Jirriżulta wkoll li kien it-titubar tal-appellant li wassal sabiex is-soċjetà appellata ma setgħetx tagħlaq imqar l-ewwel parti tal-proġett fiż-żmien miftiehem, u jekk l-appellant ma kienx kuntent b'xi parti mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt, huwa ma kellux jistenna sa jumejn qabel l-iskadenza tat-terminu impost minnu, sabiex jinforma lis-soċjetà appellata li huwa kien ser jixtri l-materjal mit-Turkija. Il-premura li mexa biha l-appellant tul ir-relazzjoni kuntrattwali li kellu mas-soċjetà appellata, tikkontrasta bil-kbir mal-mod ħesrem kif huwa qata' kull kuntatt, u mal-mod kif ma rreaġixxa bl-ebda mod għar-*reminders* li bdew jintbagħtulu mis-soċjetà appellata, li d-*deadline* impost minnu kien qiegħed joqrob. Dan kollu jindika *mala fede* min-naħa tal-appellant, li ċertament kien jaf li s-soċjetà appellata immobilizzat ħafna mir-riżorsi tagħha sabiex taqdi lill-appellant fit-terminu ta' żmien ristrett ħafna impost minnu. Il-Qorti għalhekk tqis li ma hemm l-ebda żball fl-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti, u fid-deċiżjoni tagħha li l-appellant għandu jintalab jagħmel tajjeb għal parti mill-qligħ li setgħet għamlet is-soċjetà appellata, li kieku mhux għax twaqqfet mill-appellant mingħajr ġustifikazzjoni

ta’ xejn, u f’ċirkostanzi li jindikaw *mala fede* min-naħa tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**